# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 269/2015/1 LM**

**James L. Hawkins**

**v.**

**Seasus Limited (C29821)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur James L. Hawkins minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' April, 2019, li permezz tagħha: (i) ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur; (ii) laqgħet l-ewwel talba fil-kontrotalba tal-kumpanija konvenuta sa fejn talbet lill-Qorti tiddikjara li hija mxiet b'rieda tajba u ma kisret l-ebda obbligu kuntrattwali fil-konfront tal-attur; (iii) ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet tal-kontrotalba tal-

kumpanija konvenuta; (iv) laqgħet parti mit-talba tal-kumpanija konvenuta għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba minnha billi ddikjarat li l-ammont ta' €3,776, li l-attur kien ħallas lill-kumpanija konvenuta bħala depożitu fuq il-kuntratt, kellu jinżamm minnha bħala kumpens għas-sigħat twal ta' xogħol li l-impjegati tagħha damu jaħdmu fuq il-proġett tal-attur; u (v) ordnat lill-attur iħallas lill-kumpanija konvenuta s-somma ta' €5,224 bħala danni kuntrattwali. L-attur ġie kkundannat iħallas żewġ terzi tal-ispejjeż tal-kawża, filwaqt li l-bqija kellha tbatihom il-kumpanija konvenuta.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq nhar it-23 ta' Marzu, 2015, l-attur James L. Hawkins fisser li permezz ta' *Web Site Development Agreement* datat 8 ta' Lulju, 2013, iffirmat bejnu u l-kumpanija konvenuta Seasus Limited, din tal-aħħar fl-artikolu 1, obbligat ruħha li tipprovdi lill-attur servizz li jikkonsisti fl-iżvilupp ta' *website* skont l-ispeċifikazzjonijiet annessi mal-istess kuntratt.

3. L-attur isostni li Seasus Limited naqset li tonora, anzi kisret, diversi obbligi kuntrattwali, maħsuba fl-istess kuntratt u dan peress li l-*website* (bl-ispeċifikazzjonijiet imfissra fl-iskeda A tal-istess kuntratt), ma tlestitx bl-ebda mod u/jew b'mod li tiffunzjona, fit-terminu mogħti lilha u ċjoè fi żmien tmien ġimgħat mid-data tal-iffirmar tal-istess kuntratt, skont kif

jipprovdi l-artikolu (i) tal-Appendiċi I anness mal-istess kuntratt u għalhekk il-kuntratt baqa' ma ġiex esegwit.

4. Jisħaq li x-xogħol li laħaq sar mill-kumpanija konvenuta, ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u agħar minn hekk, sar mingħajr il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja u b'żieda ma' dan jgħid li l-kumpanija konvenuta taħti għal bosta ksur tal-obbligazzjonijiet tagħha skont il-kuntratt, fosthom li s-servizzi tagħha ma ġewx «*performed with reasonable skill and care*» kif imfisser fl-artikolu 7.1 (ii) tal-istess ftehim. Jallega li l-kumpanija konvenuta wriet negliġenza kbira fl-evalwazzjoni tas-*system code* li huwa kien oriġinarjament talabha sabiex tevalwa u tirrapporta fuqu, kif ukoll fid-deskrizzjoni tal-*code* bħala «*state of the art*», meta l-istess kumpanija konvenuta aktar tard sostniet li l-*code* ma kienx qiegħed jaħdem sew għalkollox.

5. L-attur iżid li fid-dawl tan-nuqqas tal-kumpanija konvenuta li tesegwixxi l-kuntratt inkwistjoni huwa ġarrab bosta danni, fosthom li kellu jqabbad *software developer* ieħor sabiex jagħtih l-istess servizzi li l-kumpanija konvenuta naqset li tlesti. Dan meta l-kumpanija konvenuta kienet ftiehmet, iżda naqset, li tipprovdi lill-attur b'servizzi għall-iżvilupp ta' «*website on the world wide web*», kif imfissra f'Schedule A u kif miftiehem fl-artikolu 1 tal-kuntratt għas-servizzi.

6. L-attur jgħid li minkejja li l-kumpanija konvenuta kienet qablet mal-ispeċifikazzjonijiet, sal-punt li aċċettat ħlas b'ċekk li ġie msarraf u l-

irċevuta relattiva ħarġet favur l-istess attur, dan il-ħlas, skont artikolu 2.3 tal-kuntratt, ma kellux ikun dovut sakemm l-ispeċifikazzjonijiet ma jkunux maqbulin bejn il-partijiet. L-attur jispjega li minkejja li l-kumpanija konvenuta setgħet għamlet xi xogħol minuri, is-servizzi li hija laħqet għamlet kienu ta' kwalità tant inferjuri – tant li lestiet sempliċiment żewġ paġni minn sebgħa u tletin paġna ta' Schedule A – li x-xogħol kien verament limitat, negliġibbli u ma kienx jaħdem, u li bħala konsegwenza, ma setgħetx tingħata *handover*, għaliex ix-xogħol kien jeħtieġ li jsir mill-ġdid.

7. Jingħad mill-attur ukoll li, minkejja li l-kumpanija konvenuta ngħatat bosta opportunitajiet sabiex tagħmel il-konsenja kompluta tas-servizz miftiehem, din baqgħet ma tatx is-servizz komplut u kif miftiehem miegħu. Dan apparti li huwa jilmenta li Seasus Limited żgwidatu, permezz ta' makkinazzjonijiet, u wegħdiet fiergħa u foloz, billi kkonvinċietu li kienet qiegħda kostantement taħdem fuq il-proġett, iżda meta wieħed iħares lura jsir aktar evidenti li hija ma kienet qiegħda tagħmel l-ebda xogħol, u b'hekk ġarrab danni. Dan kif jixhdu l-iskambji ta' *emails* li seħħew bejn il-partijiet.

8. Permezz tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Marzu, 2014, l-attur sejjaħ lill-kumpanija konvenuta sabiex, fost affarijiet oħra, tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li ġarrab bħala riżultat tal-inadempjenza u nuqqas ta' osservanza tal-obbligi kuntrattwali. Madankollu permezz ta' ittra

uffiċjali tal-15 ta' April, 2014, il-kumpanija konvenuta, mhux talli ċaħdet il-pretensjonijiet tal-attur, iżda saħansitra, ddeċidiet li ttemm il-ftehim tat-8 ta' Lulju, 2013, skont l-artikolu 2.1 tal-kuntratt għas-servizzi. Skont l-attur, din it-terminazzjoni tikkostitwixxi *misrepresentation*, jew interpretazzjoni skorretta u żleali tal-artikolu 2.1 tal-ftehim, billi għal xhur sħaħ hija żgwidatu meta ripetutament sostniet li kienet qiegħda taħdem fuq il-proġett, sal-punt li l-kumpanija konvenuta sarrfet iċ-ċekk li mod ieħor ma kienx ikun dovut peress li naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet tagħha.

9. L-attur isostni li fi kwalunkwe każ, kull terminazzjoni sostnuta mill-kumpanija konvenuta ma taffettwax id-drittijiet akkumulati tiegħu għad-danni u għall-penali. Jingħad minnu li huwa kkorrisponda kemm-il darba mal-kumpanija konvenuta bit-tama li din tal-aħħar twettaq l-obbligi kuontrattwali tagħha, iżda hija baqgħet inadempjenti, minkejja l-iskambju ta' korrispondenza magħha sabiex din tlesti Skeda A kif miftiehem fil-kuntratt.

10. Għaldaqstant l-attur ressaq din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi s-soċjetà intimata naqset li tonora, anzi kisret, l-obbligi kuntrattwali tagħha naxxenti kemm mil-liġi, u ċjoè dak ipprovdut minn artikli 993 u 1125 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll mill-istess kuntratt datat 8 ta' Lulju, 2013, u per konsegwenza r-rikorrent inkorra u sofra danni illi s-soċjetà intimata naqset milli tlesti x-xogħlijiet kuntrattati fl-intier tagħhom skont kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u li għalhekk għandha tinżamm responsabbli għad-danni;*
>
> *2. Tillikwida d-danni kollha inkorsi mir-rikorrent bħala konsegwenza tan-nuqqas tas-soċjetà intimata li tonora, u tosserva l-obbligi kontrattwali*

*tagħha, occorrendo b'opera ta' perit nominandi, liema danni jikkonsistu, u jinkludu, iżda mhux limitatament:*

i) *fir-rifużjoni tal-pagamenti li saru għar-review system u għat-tlestija tad-development phase, u liema pagamenti li jammontaw għal tlitt elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776) saru mir-rikorrent b'bona fede minkejja li dawn ma kinux dovuti stante n-nuqqas ta' esegwiment tal-kuntratt;*

ii) *fit-telf ta' qligħ mid-data oriġinali li fiha kellu jitlesta l-kuntratt, liema telf ta' qligħ ir-rikorrent diġà inkorra u għadu qed jinkorri, bħala konsegwenza tal-fatt li s-servizzi tal-website u servizzi oħra addizzjonali inkwistjoni, inkluż back-end core system, kif fuq imfisser, ma kinux ikkompletati;*

iii) *il-penali skont il-kuntratt;*

iv) *l-ispejjeż żejda li ħtieġlu, u jinħtieġlu, jinkorri r-rikorrent sabiex iqabbad developer ieħor sabiex iwettaq u jħejji l-website fuq deskritta; u*

v) *danni oħra li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida sad-data tal-effettiv pagament;*

*3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lill-attur id-danni u l-penalitajiet hawn fuq mitluba kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;*
*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 28 ta' Marzu, 2014, u bl-imgħax legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.»*

11. Il-kumpanija konvenuta ressqet ir-risposta tagħha fit-22 ta' April, 2015, li permezz tagħha wieġbet:

*«1. Illi, it-talbiet tal-attur, li jistrieħu fuq non-adempjenza kuntrattwali da parti tas-soċjetà intimata, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa għas-segwenti raġunijiet:*

*2. Illi assolutament mhuwiex minnu li s-soċjetà intimata f'xi mod ma onoratx l-obbligi tagħha bħala bonus paterfamilias, mhux talli hekk talli marret ben oltre d-dmirijiet raġonevoli tagħha, iżda dan kollu kien ta' xejn stante li l-attur qatt ma kellu l-intenzjoni li jara li s-sit elettroniku li huwa s-suġġett tal-kuntratt inkwistjoni jiġi mlesti u stabbilit, u dan kif ser jirriżulta ampjament fil-mori tal-kawża;*

*3. Illi fi kwalunkwe każ u bla ebda preġudizzju għas-suespost, l-intimat ma ġarrab ebda telf u ma jistħoqqlu li jiġu likwidati ebda danni favurih;*

*4. B'riżerva ta' difiża ulterjuri.*

***Fatti tal-każ:***

*5. Illi s-soċjetà intimata topera fis-settur tal-informatika, inter alia fl-iżvilupp ta' siti elettroniċi (websites) u sistemi elettroniċi oħra;*

*6. Illi permezz ta' ftehim milħuq f'Lulju 2013 (anness u mmarkat bħala Dokument JH01 mar-rikors ġuramentat) Seasus Limited ġiet imqabbda, għas-somma pattwita ta' disat elef u ħames mitt Ewro (€9,500), sabiex tikkompleta sit elettroniku sabiex ir-rikorrenti jkun jista' jniedi proġett ġdid ta' servizzi finanzjarji elettroniku, li kellu jġib l-isem ta' iQtrades li permezz tiegħu r-rikorrenti kien ser jittanta li jibda jagħti pariri finanzjarji lil terzi versu l-ħlas ta' korrispettiv li kien ser jiddependi fuq jekk il-pariri tiegħu ikollhomx eżitu favorevoli o meno;*

*7. Illi kull ma kellha tagħmel is-soċjetà intimata, kien li tikkompleta s-sit, li x-xogħol fuqu ġa kien ilu li nbeda mill-2011 u li ġa kien għadda minn taħt idejn tal-anqas erba' kuntratturi oħra minn dak iż-żmien, sabiex dan ikun jista' jiġi varat għall-ewwel darba l-iQtrades. Ħarsa lejn is-sit (stampa tas-sit tinsab annessa u mmarkata bħala dokument SS002) turi li s-sit għadu lanqas beda jaħdem sal-lum;*

*8. Illi ġara li wara li ġie ffirmat il-kuntratt li kien jipprovdi riżerva li l-partijiet kellhom jilħqu ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet (Artikolu 2 tal-kuntratt), ċjoè d-dettalji tekniċi kollha neċessarji sabiex Seasus Limited tkun tista' tlesti s-sit, il-partijiet ma setgħux jilħqu ftehim fuq dawn l-ispeċifikazzjonijiet;*

*9. Illi dan il-ftehim ma setax jintlaħaq stante li Hawkins ma kienx qed ikun raġonevoli fir-rikjesti tiegħu b'tali mod li dak li kellu jkun proġett sa ċertu punt di facile spedizione, ta' kompletazzjoni ta' sit li kien ġa suppost fi stadju avvanzat ta' programmazzjoni, beda jinbidel u jsir wieħed ferm aktar kumplikat;*

*10. Illi għalhekk, proġett li inizjalment Hawkins kien jgħid, f'mod qarrieqi, li lanqas kellu valur ta' 12,000 Ewro, tant li baqa' jġebbed sakemm niżżel il-prezz pattwit għal 9,500 Ewro, ġie eventwalment mibdul u miżjud b'mod qarrieqi minn Hawkins għall-proġett ta' valur li deher li jeċċedi s-60,000 Ewro meta l-partijiet kienu qed jippruvaw jilħqu ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet u dan minħabba l-fatt li Hawkins kien qed jippretendi li jingħata ferm aktar minn dak li kien indika inizjalment filwaqt li ma kienx kapaċi hu nnifsu jipprovdi dak li kien wiegħed li kellu jkun lest fil-bidu tal-proġett;*

*11. Illi s-soċjetà intimata sussegwentement skopriet, kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori ta' din il-kawża, li dan l-aġir ma kienx ġdid għal Hawkins, li fil-fatt ġia kien beda dan il-proġett ma' entitajiet oħrajn u kien ġab ruħu magħhom fl-istess mod kif ġab ruħu mas-soċjetà intimata u ċjoè f'mod li l-ewwel jara li jinbena parti mis-sit u wara jeżaspera lil kull min jaħdem fuq il-proġett f'tali mod li jġiegħhelhom jirrinunzjaw għall-*

*proġett u jieħu l-partijiet mitmuma bla ħlas, b'theddid li ser jirrovinahom finanzjarjament u imbagħad imur ifittex lil xi ħaddieħor sabiex ikomplilu l-proġett;*

*12. Illi f'Marzu 2013, fil-kuntest ta' dawn in-negozjati bejn il-partijiet sabiex jintlaħaq ftehim fuq l-ispeċifikazzjonijiet, Hawkins għoġbu jintavola ittra uffiċjali kontra s-soċjetà konvenuta (annessa u mmarkata bħala dokument SS003) fejn inter alia talab ħlas ta' penali ammontanti għal €15,120 u rifużjoni ta' depożitu mħallas minnu ta' €3,200 u dan minħabba allegat dewmien sabiex jiġi kompletat il-proġett meta l-partijiet lanqas biss kienu ftiehmu fuq dak li kien meħtieġ permezz tal-ispeċifikazzjonijiet;*

*13. Illi fid-dawl tal-impossibilità li tibqa' miexja f'dan il-mod is-soċjetà Seasus irrispondiet għall-imsemmija ittra uffiċjali permezz ta' ittra uffiċjali oħra (annessa u mmarkata bħala dokument SS004) fejn inter alia rrespinġiet il-pretensjonijiet ta' Hawkins u formalment itterminat il-kuntratt;*

*14. Illi in segwitu għal dan l-iskambju ta' ittri uffiċjali, in piena buona fede u sabiex tipprova tikkompleta dan il-proġett u ovvjament mingħajr ebda preġudizzju, is-soċjetà Seasus Limited aċċettat li tiltaqa' ma' Hawkins diversi drabi, fuq medda ta' diversi xhur u għal sigħat twal, sabiex tinsab soluzzjoni bonarja għall-akkadut u sabiex is-sit jitnieda;*

*15. Illi minkejja li Seasus Ltd għamlet ammont sostanzjali ta' xogħol aktar fuq dawn l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett bl-intenzjoni li jintlaħaq ftehim reċiproku fuq x'għandu jinkludi l-proġett u l-metodi tekniċi li għandhom jintużaw, il-partijiet ma setgħux jaslu għal qbil, kif jirriżulta minn diversi emails, dokumenti u verżjonijiet ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet li ser jiġu ppreżentati fil-mori tal-kawża, stante li Hawkins baqa' jippretendi li jingħata ferm u ferm aktar minn dak li kien oriġinarjament indikat, għad li dawn kienu qed jiġu offerti minn Seasus purament biex jintlaħaq ftehim u mhux għax f'xi mod kienu dovuti;*

*16. Illi dan kien qed isir b'intenzjoni qarrieqa stante li fil-fatt huwa ċar li Hawkins qatt ma ried jasal iżda ried biss li finalment jieħu prodott b'xejn jew għal ħafna inqas milli jiswa sabiex wara jkun jista' jagħmel użu minnu fil-proġett tiegħu li finalment kien biss wieħed sperimentattiv, fi stat embrijoniku, li madankollu donnu jrid jargumenta li seta' jiggarantixxi dħul sostanzjali;*

*17. Illi tant hu hekk li wara ħafna laqgħat twal, bil-parteċipazzjoni ta' uffiċjali ewlenin ta' Seasus Ltd u tentattivi sinċieri da parte tal-intimati sabiex tinsab soluzzjoni, kollha kemm huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet, id-diskussjoni kkrollat u Hawkins irrifjuta ħesrem li jkompli jiltaqa' sabiex jintlaħaq ftehim, għal raġunijiet li mhumiex mifhuma minn Seasus Ltd, billi kull meta l-partijiet kienu donnhom ikunu waslu viċin għal ftehim dan kien jisfuma fix-xejn stante li Hawkins kien ibiddel ir-rekwiżiti tiegħu;*

*18. Illi dan hekk kif jirriżulta mill-ittra ta' Hawkins datata 17 ta' Ottubru, 2014 (annessa u mmarkata bħala Dokument SS005);*

*19. Illi minn dakin-nhar sal-ġurnata tal-25 ta' Marzu, 2015, il-jum meta ġew notifikati bis-sekwestru riferit, Seasus Limited ma reġgħet semgħet xejn mingħand Hawkins;*

*20. Illi l-intimata tissottometti umilment li Hawkins kien ikun aggressiv ħafna lejn ir-rappreżentanti ta' Seasus Limited u diversi drabi hedded li jekk ma jingħatax dak li ried kien ser jirrovina l-operat tal-kumpanija u fil-fatt jidher determinat li jagħmel hekk permezz ta' din il-kawża u s-sekwestru relattiv;*

*21. Illi għalhekk mhux talli t-talbiet tar-rikorrenti għall-ħlas huma infondati, talli hija s-soċjetà intimata li għandha dritt tal-azzjoni għad-danni kontra r-rikorrenti għat-telf li ġarrbet minħabba x-xogħol u l-ħin dedikat lill-proġett u l-ħsara li qed iġarrab bħala konsegwenza ta' dawn il-proċeduri malizzjużi kontriha li qed isarrfu f'telf ta' xogħol kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur;*

*22. Illi dwar il-fatti kif esposti fir-Rikors Ġuramentat, f'paragrafi mhux numerati, dawn qegħdin jiġu kkontestati sa fejn mhumiex konsistenti ma' dak hawn dikjarat u l-attur, hekk jidhirlu, għandu jissostanzja dak li qed jallega fl-istess premessi;*

*23. Illi l-esponenti jaf il-fatti fuq imsemmija di scientia propria;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, is-soċjetà intimata Seasus Limited titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet attriċi bħala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u tiddikjara li s-soċjetà intimata m'għandha xejn xi tħallas lir-rikorrenti, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.»*

12. Flimkien mar-risposta maħlufa, il-kumpanija konvenuta ressqet ukoll kontrotalba. Il-premessi tal-kontrotalba huma rifless tal-fatti tal-każ li hija semmiet fir-risposta maħlufa. Kien fid-dawl tal-fatti kif imfissra li l-kumpanija konvenuta tisħaq li mhux talli t-talbiet ta' Hawkins mhumiex siewja, talli li għandha dritt li tiġi riżarċitata d-danni minnu għat-telf li ġarrbet minħabba x-xogħol u l-ħin dedikat lill-proġett u l-ħsara li qed iġġarrab bħala konsegwenza ta' dawn il-proċeduri u minħabba l-ħruġ ta'

mandat ta' sekwestru malizzjuż kontriha li qed isarrfu f'telf ta' xogħol kemm preżenti, kif ukoll futuri.

13. Għalhekk il-kumpanija Seasus Limited, permezz tal-kontrotalba tagħha talbet lill-Qorti:

> *«1. Tiddikjara li Seasus Limited aġixxiet in buona fede u ma kisret ebda obbligu kuntrattwali;*
>
> *2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi kien James Hawkins li nqeda mis-servizzi ta' Seasus Limited in mala fede u b'intenzjoni qarrieqa;*
>
> *3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-mandat ta' sekwestru numru 476/15 fl-ismijiet James L. Hawkins vs Seasus Limited ġie intavolat minn James Hawkins b'intenzjoni malizzjuża u/jew mingħajr fundament legali u/jew fattwali;*
>
> *4. Tiddikjara u tiddeċiedi li konsegwentement għal dan l-aġir James Hawkins ikkawża danni lil Seasus Limited;*
>
> *5. Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' periti tekniċi, id-danni hekk ikkawżati lil Seasus Limited;*
>
> *6. Tikkundanna lil James Hawkins iħallas lil Seasus Limited id-danni hekk likwidati;*
>
> *Bl-ispejjeż kollha, inklużi l-ispejjeż tal-Mandat ta' Sekwestru tal-ittra uffiċjali riferiti u bl-imgħax legali sal-effettiv pagament kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

14. L-attur rikonvenzjonat wieġeb għall-kontrotalba permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fis-26 ta' Mejju, 2015, li biha wieġeb hekk:

> *«1. Illi, preliminarjament, l-ewwel talba rikonvenzjonali hija iżjed ta' natura eċċezzjonali, milli ta' talba, ossia domanda f'kawża (jew fil-każ odjern kontrotalba) u kwindi, stante illi l-ewwel talba mhijiex f'lokha, għandha tiġi skartata minn din l-Onorabbli Qorti;*
>
> *2. Illi, subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikonvenzjoni intavolati mis-soċjetà konvenuta rikonvenjenti m'għandhiex tintlaqa' stante li din il-kontrotalba mhix konnessa mat-talba tal-attur rikonvenut Hawkins kif trid il-Liġi;*

*3. Illi, subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, b'riferenza għall-ewwel (1) talba rikonvenzjonali mhuwiex minnu illi s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti Seasus Limited aġixxiet in buona fede u li ma kisret ebda obbligu kuntrattwali u dan kif ammess minnha stess u kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*4. Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, b'riferenza għat-tieni (2) talba rikonvenzjonali, mhuwiex minnu dak allegat mis-soċjetà konvenuta rikonvenjenti Seasus Limited li l-attur rikonvenut Hawkins inqeda mis-servizzi tagħha 'in mala fede' u b'intenzjoni qarrieqa u kwindi t-talba rikonvenzjonali għad-danni għandha tiġi miċħuda;*

*5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, b'riferenza għat-tielet (3) talba u dawk sussegwenti, mhuwiex minnu dak allegat mis-soċjetà konvenuta rikonvenjzonanti Seasus Limited li l-mandat ta' sekwestru numru 476/15 fl-ismijiet James L. Hawkins vs Seasus Limited ġie intavolat mill-attur rikonvenut Hawkins b'intenzjoni malizzjuża u/jew mingħajr fundament legali u/jew fattwali u kwindi t-talba rikonvenzjonali għad-danni għandha tiġi miċħuda. Bil-ħruġ tas-sekwestru 'de quo' l-attur rikonvenut Hawkins m'għamel xejn ħlief li eżerċita d-dritt mogħti lilu mil-liġi, u ġaladarba ma kien hemm ebda abbuż jew qerq, l-ebda danni m'huma dovuti lis-soċjetà konvenuta rikonvenjenti;*

*6. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fatti allegati fil-premessi tal-kontrotalba huma kollha inveritieri u l-attur rikonvenut Hawkins jirriżerva d-dritt illi jġib provi sabiex jikkontradixxihom;*

*7. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, in ogni caso, kwalunkwe danni jridu jiġu ppruvati;*

*8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.»*

15. Kif ingħad aktar 'il fuq, fid-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' April, 2019, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur u laqgħet uħud mit-talbiet rikonvenzjonali tal-kumpanija konvenuta. Fost it-talbiet tal-kontrotalba li ġew milqugħa kien hemm dawk biex il-kumpanija konvenuta żżomm l-ammont ta' €3,776 li l-attur kien ħallasha bħala depożitu fuq il-kuntratt biex jagħmel tajjeb bħala kumpens għas-sigħat twal ta' xogħol li l-impjegati tagħha damu jaħdmu fuq il-proġett tal-attur u l-ħlas ta' €5,224

bħala danni kuntrattwali li jirrappreżenta l-bilanċ mill-valur tal-kuntratt inkwistjoni.

16. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha sabiex tiddeċiedi l-kawża f'dan is-sens kienu dawn:

> *«Il-Qorti tat qies xieraq lill-provi voluminużi miġjuba quddiemha mill-partijiet, atti proċesswali li jlaħħqu kważi elfejn (2,000) paġna, wara sigħat twal ta' smigħ ta' xhieda u ġbir ta' provi, u ħadet konjizzjoni tan-noti dettaljati mressqa mill-partijiet fil-kawża, sabiex setgħet tagħmel l-analiżi meħtieġa in vista tad-diversi talbiet tal-attur rikonvenzjonat kif ukoll tal-eċċezzjonijiet u l-kontrotalbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti. In suċċint din il-kawża oriġinat minn servizz li l-attur ikkontratta lis-soċjetà konvenuta biex tipprovdilu, u li għalih kellu jitħallas korrispettiv ta' disat elef Euro (€9,000), filwaqt li l-ftehim bejn il-partijiet kien li dan is-servizz kellu jitlesta fi żmien tmien (8) ġimgħat, iżda li spiċċa f'kawża għal danni pretiżi mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin. L-attur jallega li hu tilef eluf kbar ta' Ewro fi profitti li kien ipproġetta li ser jagħmel meta fassal dan il-proġett, liema proġett però għadu sal-lum ma jiffunzjonax u ma jrendi l-ebda tip ta' introjtu jew profitt. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tallega li l-aġir tal-attur kważi kważi wassalha fl-estremità li kienet ser ixxolji l-operat tagħha minħabba li l-attur intavola mandati ta' sekwestru fuq il-kontijiet bankarji tagħha u fuq kredituri tagħha, liema mandati ħallew impatt fuq l-operabilità tagħha u fuq l-impjegati tagħha, tant li f'temp ta' ftit ġimgħat irriżenjaw kważi nofs l-impjegati li kellha s-soċjetà konvenuta.*
>
> *Din il-kawża hija riżultat ta' dak li fil-qasam tal-informatika u tal-media hu magħruf bħala development (jew production) hell jew development limbo, sitwazzjoni li jsib ruħu fiha kull min b'xi mod jipprova jiżviluppa kunċett jew idea li għal xi raġuni jew oħra ddum żmien twil biex timmaterjalizza, jekk din qatt tasal biex timmaterjalizza. L-attur ikkontratta lis-soċjetà konvenuta għal xogħol ta' żvilupp ta' website intiża għas-suq finanzjarju, u li x-xogħol fuqha kien diġà nbeda minn kumpannija oħra li kienet itterminat l-operat tagħha, u għalhekk l-attur ħtieġlu jsib developer ieħor sabiex jipprestalu l-istess servizz b'mod urġenti.*
>
> *Mill-provi jirriżulta li prattikament wara ftit laqgħat u skambji ta' korrispondenza bejn il-partijiet, kien hemm qbil dwar il-qafas tal-proġett. Minn dak li setgħet tikkonkludi s-soċjetà konvenuta abbażi ta' dak li ntqal lilha mill-attur u mid-dokumenti li pprovdielha l-attur fl-istadju inizjali tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, kien hemm qbil li x-xogħol meħtieġ fuq il-proġett tal-attur seta' jitlesta fi żmien tmien (8) ġimgħat bi prezz li ġie ridott għal disat elef Ewro (€9,000), minn stima oriġinali ta' tnax-il elf u ħames mitt Ewro (€12,500). Dan wara li ġie stabbilit li kien hemm parti*

*mix-xogħol meħtieġ għall-proġett li kien diġà tlesta mid-developer ta' qabel.*

*Il-Qorti setgħet tapprezza mill-provi prodotti quddiemha, li l-ispeċifikazzjonijiet b'rabta ma' dan il-proġett ma kinux ben definiti minn qabel beda x-xogħol, u dak li mad-daqqa t'għajn deher li kien proġett faċli u li seta' jitlesta fi ftit ġimgħat, beda jikkomplika ruħu partikolarment minħabba li l-attur b'mod kontinwu beda jbiddel ir-rekwiżiti tiegħu, il-livell ta' dettall u l-goalposts tal-proġett. Kif setgħet tapprezza l-Qorti mill-provi prodotti, min-naħa tas-soċjetà konvenuta jidher li kien hemm diffikultajiet da parti tal-persuni li kellhom jaħdmu fuq il-proġett tal-attur sabiex jifhmu x'kienu eżattament l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett, u minkejja li fil-bidu tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet intqal li dawn kienu ben definiti u kien diġà sar ħafna xogħol f'dak ir-rigward mill-kumpannija li kienet oriġinarjament bdiet taħdem fuq il-proġett tal-attur, meta nbeda x-xogħol, mill-ewwel ftit jiem prattikament, deher evidenti għal esponenti ewlenin tas-soċjetà konvenuta, bħal Adrian Mizzi u David Vella, li l-proġett tal-attur kien ferm aktar ikkumplikat u kien jirrikjedi ferm aktar ħin minn kif kienet ingħatat l-impressjoni oriġinarjament. Din is-sitwazzjoni kritika ma damitx ma antagonizzat lill-partijiet fil-konfront ta' xulxin, bl-attur jallega li s-soċjetà konvenuta ma kellhiex ir-riżorsi meħtieġa biex tassigura li proġett bħal tiegħu jimmaterjalizza u li l-persuni li ħadmu fuq il-proġett tiegħu ma kellhomx il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għal dan il-għan, u f'dan ir-rigward il-Qorti semgħet kemm ix-xhieda tal-attur kif ukoll rat x'inkiteb fid-diversi skambji ta' korrispondenza li għaddew bejn il-partijiet. L-attur allega wkoll li kien nieqes għalkollox l-element tal-buona fede da parti tas-soċjetà konvenuta fir-relazzjoni tagħha mal-attur, u l-ftit xogħol li tlesta minnha ma kienx skont dak li jitolbu s-sengħa u l-arti, tant li l-ebda parti mill-components ipprovdut lilu mis-soċjetà konvenuta ma kienet tiffunzjona.*

*Min-naħa l-oħra esponenti tal-konvenuta rikonvenzjonanti qalu li sa minn prattikament ftit ġranet wara li nbeda x-xogħol fuq il-proġett tal-attur, huma setgħu jikkonstataw illi minkejja l-assigurazzjonijiet li kien ta l-attur li l-proġett kien tlesta f'parti sostanzjali minnu mill-kuntrattur li ħadem fuq il-proġett qabel dan ġie mgħoddi lis-soċjetà konvenuta, dan ma kien minnu xejn, u għall-bidu li impjegati tas-soċjetà konvenuta bdew jaħdmu fuq il-proġett tal-attur, dawn kellhom iqattgħu ħin konsiderevoli jaħdmu fuq xogħol li suppost li kien diġà lest, bħad-disinn u xogħol preparatorju ieħor, u għalhekk meta għadda l-perjodu ta' żmien maqbul bejn il-partijiet għat-tlestija tal-proġett, dan kien għadu ferm 'il bogħod milli jitlesta. Kien hawnhekk li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tiddeterjora, b'laqgħat bejn il-partijiet li minkejja li nżammu fuq medda ta' sigħat twal, ma wasslu għall-ebda soluzzjoni, b'impjegati tas-soċjetà konvenuta jsostnu li ma kienx jagħmel sens finanzjarju li l-proġett tal-attur jitkompla bil-limitazzjonijiet ta' ħin u tal-budget kif miftiehem, sitwazzjoni din li wasslet biex l-attur ħa l-proġett tiegħu għand developer ieħor, li minn dak li fehmet il-Qorti, ukoll ma setax ilesti l-proġett kif rikjest mill-attur. Eventwalment is-sitwazzjoni ddeġenerat tant li l-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni kontra s-soċjetà konvenuta, b'din tal-aħħar tressaq*

*kontrotalba bil-pretensjonijiet tagħha in vista tal-fatt li din qiegħda tallega li sofriet danni konsegwenza tal-aġir tal-attur.*

*Il-Qorti rriskontrat diversi inkonsistenzi fix-xhieda mogħtija quddiemha u tagħmilha ċara li minkejja li semgħet lill-partijiet jixhdu għal sigħat twal, baqgħet mhix konvinta mill-veraċità ta' ċerti aspetti tax-xhieda mogħtija quddiemha. Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet kontraposti għal xulxin fix-xhieda miġjuba quddiemha. Anzi meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoé jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.*

*....*

*Minn dak li jirriżulta mill-provi, jidher ċar li filwaqt li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet bdiet fuq nota tajba, bis-soċjetà konvenuta turi ħerqa biex tattira lejha xogħol mingħand l-attur, u dan għaliex il-biċċa xogħol li ngħatat mill-attur kienet waħda run of the mill għaliha. Madankollu wara biss ftit tal-ġranet bdew jinqalgħu bosta diffikultajiet u intoppi. Il-Qorti qieset li għad li l-attur xehed li huwa mhux bniedem tekniku u li m'għandux il-kompetenza biex jiżviluppa jew jiddisinja website hu stess, madankollu jirriżulta li l-attur ipprova jgħid tiegħu u beda jiddetta dwar kull aspett tax-xogħol li kien qiegħed isir mis-soċjetà konvenuta, b'dubji u suspetti kontinwi dwar kemm is-soċjetà konvenuta u l-impjegati tagħha kellhom il-kompetenzi meħtieġa biex jagħmlu x-xogħol rikjest minnu. Barra minn hekk l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett kienu qegħdin jinbidlu mill-attur fuq bażi regolari.*

*Il-Qorti kellha l-opportunità tosserva l-komportament u mal-imġiba tal-attur waqt id-depożizzjoni tiegħu, kif ukoll is-sustanza tax-xhieda mogħtija minnu, partikolarment dak li qal fir-rigward tal-iżvilupp tal-algoritmi għat-tħaddim tal-proġett tiegħu, li bħal donnu ma kienx ċert jekk żviluppahomx hu waħdu, jew inkella kienx hemm l-involviment ta' ħaddieħor; ir-riluttanza li wera biex jagħti l-isem ta' persuna li suppost kienet qiegħda taħdem miegħu fit-tfassil tal-algoritmi, u meta ta isem din il-persuna, il-Qorti setgħet tikkonstata li fl-udjenza preċedenti din il-persuna kienet diġà ssemmiet u kien ġie stabbilit li dan kien miet tliet xhur qabel; il-fatt li l-attur xehed li l-proġett odjern li ilu works in progress għal għadd ta' snin, għadu sal-lum mhux jiffunzjona kif suppost; il-fatt li meta mistoqsi dwar ir-raġuni għal dan l-attur qal li s-sistema ma tistax taħdem minħabba fil-bugs li tefa' fiha Andrew Holland; il-fatt li f'ħin minnhom l-attur saħanistra qal li x-xogħol li għamel fuq dan il-proġett kien għall-karità, u li sa issa dan il-proġett għadu ma rrenda l-ebda introjtu, aħseb u ara kemm iġġenera profitt. Il-Qorti qieset ukoll il-fatt li minkejja li l-attur għamel enfasi kbira u saħansitra tella' persuni biex jixhdu fuq il-profil online tagħhom u fuq il-preżenza online tagħhom, b'allegazzjonijiet li wieħed minnhom jibbloggja waqt il-ħin li fih suppost kienu qegħdin jaħdmu fuq il-proġett tiegħu, jew li s-CV li tidher taħt il-LinkedIn profile tagħhom hija nieqsa minn xi dettalji, madanakollu l-attur innifsu jidher li m'għandu l-ebda preżenza ta' dat-tip online u ħadd ma jaf eżattament x'jagħmel jew xi profil professjonali bena għalih, tant li*

*esponenti tas-soċjetà konvenuta li xehdu li xtaqu jagħmlu eżerċizzju simili għal dak li sar fil-konfront ta' impjegati tagħhom, iżda fil-konfront tal-attur, xehdu li tiftix fuq is-sistema google dwar l-attur ma jagħti l-ebda riżultat.*

*Il-Qorti qieset il-kwalità tal-provi mressqa u x-xhieda prodotti miż-żewġ partijiet fil-kuntest ta' kawża li l-mertu tagħha huwa kuntratt għall-valur ta' ftit eluf ta' Euro, kawża li twalet inutilment b'paġni fuq paġni ta' dokumenti suppost sabiex jissostanzjaw ċerti argumenti pwerili u tedjanti tal-attur*[1]*, u għad-diversi xhieda li ntalbu jixhdu dwar ir-relazzjoni kummerċjali tagħhom mas-soċjetà konvenuta f'tentattiv biex jitfgħu f'dell ikrah l-operat tagħha. Dan meta x-xhieda mogħtija mill-attur fir-rigward tar-relazzjoni tiegħu mas-soċjetà konvenuta u mal-impjegati u l-esponenti ewlenin tagħha, kienet nieqsa mil-livell ta' dettall meħtieġ biex il-Qorti tasal għall-konvinċiment morali li kien hemm ksur tal-obbligi kontrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta, jew li l-attur sofra xi danni, speċjalment wara li ġie kkonfermat mill-attur stess li l-proġett tiegħu għadu sal-lum mhuwiex jiffunzjona jew irendi xi tip ta' introjtu.*

*Il-Qorti qieset ix-xhieda prodotta mill-partijiet fir-rigward tal-aktar aspett kruċjali ta' din ir-relazzjoni kummerċjali, jiġifieri jekk l-ispeċifikazzjonijiet li ladarba jintlaħaq qbil dwarhom bejn il-partijiet, kellu jinbeda l-proġett, kinux ingħataw jew le mill-attur, u jekk ingħataw xi tip ta' speċifikazzjonijiet kienu, senjatament jekk kinux il-functional specifications rikjesti mis-soċjetà konvenuta sabiex din setgħet teżegwixxi l-inkarigu mogħti lilha. Mix-xhieda ta' David Vella u Adrian Mizzi joħroġ ċar li l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija mill-attur lis-soċjetà konvenuta ma kinux suffiċjenti biex din setgħet taħdem fuq il-proġett. Mix-xhieda li ta Adrian Mizzi jirriżulta li minkejja li l-attur ipprovda xi dokumenti jew xi tip ta' speċifikazzjonijiet lis-soċjetà konvenuta, dawn ma kinux biżżejjed biex l-uffiċjali tekniċi li kellhom jaħdmu fuq il-proġett jifhmu eżattament x'ried l-attur.*

*Il-Qorti tqis li tenut kont tal-fatt li l-proġett tal-attur għadda minn taħt idejn diversi developers oħrajn wara li ġiet itterminata r-relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà konvenuta, li lkoll donnhom kellhom diffikultajiet jew biex jifhmu eżattament x'ried l-attur mill-proġett tiegħu jew biex jaħdmu miegħu, kif jirriżulta bl-aktar mod evidenti mix-xhieda ta' Andrew Holland, lanqas l-attur innifsu ma kien jaf preċiżament fejn ried jasal bil-website tiegħu. Li kieku l-attur tassew kien jaf fejn eżattament ried jasal bil-proġett tiegħu, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lis-soċjetà konvenuta jinbidlu erba' darbiet, saħansitra anki wara li kien inbeda x-xogħol fuq il-proġett.*

*Il-Qorti tinsab konvinta li s-soċjetà konvenuta permezz tal-impjegati tagħha ddedikat ħin konsiderevoli għall-proġett tal-attur, tant li xhud minnhom, Carla D'Anastasi, qalet li hija qattgħet madwar xahrejn taħdem fuq id-design tal-proġett fuq bażi full-time, u minn*

[1] Ara b'mod partikolari d-diversi *printouts* mid-*Disqus account* ta' Andrew Holland.

*korrispondenza li tinsab in atti jirriżulta wkoll li fil-bidu tar-relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà konvenuta, l-attur kien sorpriż b'mod pożittiv li impjegati tas-soċjetà konvenuta kienu disponibbli biex jassistuh u jwieġbu għad-diffikultajiet tiegħu permezz ta' emails anki saħansitra fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Għal dan ix-xogħol li s-soċjetà konvenuta ħarġet pagi lill-impjegati tagħha, u għal xogħol ieħor bħal laqgħat li saru u li ħadu ħin konsiderevoli, l-attur ma effettwa l-ebda ħlas għajr għall-ħlas ta' tlett elef, seba' mija u sitta u sebgħin Euro (€3,776) li s-soċjetà konvenuta tgħid li kien depożitu akkont, filwaqt li l-attur jgħid li kien ammont ta' flus li ġie mħallas mill-attur għar-review system u għat-tlestija tad-development phase, liema ammont l-attur jgħid li għandu jintradd lura lilu peress li l-proġett ma tlestiex mis-soċjetà konvenuta. Il-Qorti tqis li għajr għall-ħlas ta' €3,776, l-attur m'għamel l-ebda ħlas ieħor lis-soċjetà konvenuta, u dan meta jidher li għal ġimgħat sħaħ kien kuntent bis-servizz li kien qiegħed jingħata, u meta hu kien ben edott mill-fatt, minħabba l-parteċipazzjoni attiva tiegħu f'kull stadju tal-proġett, li kien hemm diversi persuni li ġew ingaġġati mis-soċjetà konvenuta li qattgħu ħin konsiderevoli jaħdmu fuq il-proġett tiegħu. Jirriżulta wkoll li l-profitti pproġettati mill-attur u li qiegħed jippretendi li din il-Qorti għandha tillikwida favur tiegħu bħala danni, ma kinux ibbażati fuq għarfien veru tal-mod kif kellu jaħdem in-negozju tal-attur, li fuq ammissjoni tiegħu stess għadu ma ġġenera l-ebda profitt. Għalhekk il-Qorti ma tistax tillikwida xi forma ta' danni għal telf ta' profitti 'potenzjali' sofferti mill-attur, meta sentejn wara li dan il-proġett suppost li tlesta, għadu ma ġġenera l-ebda introjtu jew xi forma ta' profitt, u meta ma jirriżultax li hemm xi ness bejn l-allegati telf ta' profitti u l-aġir tas-soċjetà konvenuta fil-konfront tal-attur.*

*L-attur jippretendi wkoll li l-Qorti għandha tillikwida l-ammont ta' madwar ħamsa u tletin elf Ewro (€35,000) rappreżentanti spejjeż li hu għamel sabiex sab developer ieħor li kien dispost ilesti l-proġett li suppost kellu jitlesta mis-soċjetà konvenuta. Dwar dan il-Qorti tosserva li l-ingaġġ ta' kuntrattur ġdid u l-korrispettiv miftiehem miegħu kien res inter alios acta għar-relazzjoni mas-soċjetà konvenuta, u l-fatt li minkejja li l-attur ħallas l-allegata somma ta' €35,000, il-proġett xorta waħda għadu mhux jopera kif suppost tant li għadu qiegħed jiġi ttestjat minn udjenza limitata. Dan jimplika li dak li ppretenda l-attur li jsir bil-budget miftiehem mas-soċjetà konvenuta ta' disat elef Ewro (€9,000), ma kienx jagħmel sens kummerċjali, ladarba għal più o meno l-istess xogħol l-attur ħtieġlu jħallas s-somma ta' ħamsa u tletin elf Euro (€35,000), u dan meta lanqas wara li effettwa dan il-ħlas ma ħa l-prodott jew is-servizz li xtaq hu.*

*Pretensjoni oħra tal-attur hi għal-likwidazzjoni ta' spejjeż li allegatament inkorra sabiex ingaġġa ditta ta' avukati fi New York permezz ta' retainer u sabiex kera uffiċini fl-istess belt. Il-Qorti tqis li l-attur ma ressaq l-ebda prova ta' ness kawżali dirett bejn l-ingaġġ ta' avukati fi New York u l-fatt li s-soċjetà konvenuta ma lestietx il-website tal-attur fiż-żmien miftiehem bejn il-partijiet. Tqis ukoll li ladarba l-attur xehed li hu ilu involut fil-qasam tas-swieq finanzjarji għal numru ta' snin, tant li żviluppa algoritmi li ssarrfu fi proġett li qiegħed jitħaddem, hu ferm aktar probabbli li l-law firm*

*fi New York ingħatat retainer b'rabta ma' negozji jew interessi oħrajn li l-attur jista' jkun involut fihom, milli b'rabta mal-proġett mertu tal-kawża. Il-Qorti qieset li minkejja li l-attur allega li l-iżvilupp tal-website tlesta minn developer ieħor, dan għadu mhux jiffunzjona kif suppost, tant li s-servizz li huwa qiegħed jipprospetta li joffri, għadu mhux offrut lill-pubbliku iżda biss lil udjenza limitata u ristretta. Quddiem dan kollu l-Qorti ssaqsi kemm kien għaqli u tagħmel sens id-deċiżjoni tal-attur li jingaġġa ditta tal-avukati proprju fi New York u jtihom retainer qabel aċċerta ruħu li l-prodott offrut minnu kien ser jiffunzjona u li kien vijabbli kummerċjalment.*

*Il-Qorti tqis għalhekk li ma ġiex ipprovat sal grad rikjest mil-liġi li kien hemm ksur tal-obbligi kuntrattwali naxxenti mil-liġi jew ksur tal-kuntratt maqbul bejn il-partijiet fit-8 ta' Lulju, 2013, stante li jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-fatt li l-proġett ma tlestiex fil-ħin kien riżultat tan-nuqqas li tingħata informazzjoni ċara u diretta mill-attur lis-soċjetà konvenuta dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett tiegħu, u mhux għax is-soċjetà konvenuta ma wettqitx l-inkarigu mogħti lilha skont is-sengħa u l-arti. Il-pretensjonijiet tal-attur għal-likwidazzjoni tad-danni m'għandhomx jitqiesu li huma ġustifikati fiċ-ċirkostanzi, bħalma lanqas mhija ġustifikata l-pretensjoni tal-attur għar-rifużjoni tas-somma ta' tliet elef, seba' mija u sitta u sebgħin Ewro (€3,776) li tħallsu lis-soċjetà konvenuta fl-istadju inizjali tal-proġett, u dan għaliex is-soċjetà konvenuta b'xi mod għandha l-jedd li tiġi riżarċita tal-ħin li impjegati u esponenti tagħha damu jaħdmu fuq il-proġett tal-attur, u li għalih ma sar ebda ħlas mill-attur għajr għal dan l-ammont li kien ħallas bħala depożitu.*

*Fil-kontrotalba tagħha s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti talbet lill-Qorti tiddikjara li l-attur inqeda bis-servizzi tagħha in mala fede u b'intenzjonijiet qarrieqa, u għamlet talba oħra għal dikjarazzjoni li l-mandat ta' sekwestru 476/15 fl-ismijiet* ***Hawkins vs. Seasus Ltd*** *kellu effetti li kienu dannużi tant li s-soċjetà konvenuta tallega li minħabba dan il-Mandat kienu telquha għadd ta' impjegati, u kienet f'xifer ta' falliment. Is-soċjetà konvenuta tgħid li dan il-mandat kien sar b'intenzjoni malizzjuża u/jew mingħajr fundament legali u/jew fattwali, liema aġir ikkawża danni lis-soċjetà konvenuta. Il-Qorti tirrileva li dawn l-allegazzjonijiet min-naħa tas-soċjetà konvenuta ma ġewx sostanzjati minn ebda prova prodotta minnha, u tqis ukoll li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet oriġinarjament kienet waħda ta' negozju li l-partijiet daħlu fih bil-ħsieb li dan jirnexxi, u mhux b'xi intenzjoni li xi parti tqarraq bl-oħra. Jista' jkun li s-soċjetà konvenuta wriet ħerqa żejda meta aċċettat l-inkarigu tal-attur u qablet dwar il-prezz meta l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett kienu għadhom ma ġewx definiti u ma kienx hemm qbil dwarhom bejn il-partijiet, iżda mkien mill-provi ma jirriżulta li l-attur kellu intenzjonijiet frawdolenti meta kkontratta mas-soċjetà konvenuta, li wara kollox kienet libera li ma taċċettax l-inkarigu mogħti lilha mill-attur jew li tieħu ż-żmien tagħha biex tivverifika li l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lilha mill-attur kienu tali li impjegati tagħha setgħu jifhmu eżattament x'kellu f'moħħu l-attur u x'tip ta' servizz kien qed jirrikjedi. Din il-Qorti kf preseduta kienet ppronunzjat ruħha fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru 476/15 fl-ismijiet* ***Hawkins vs. Seasus Limited****, fis-sens li l-ammont*

*oriġinarjament ikkawtelat b'dak il-mandat, dak ta' tliet mitt elf Ewro (€300,000) kien ġie ridott għal ħamsin elf Ewro (€50,000) stante li l-Qorti dehrilha li l-ammont oriġinali milqut bil-mandat kien wieħed esaġerat, u ż-żmien taha raġun, peress li rriżulta li minkejja li għadda dan iż-żmien kollu minn meta l-proġett tal-attur ġie varat, dan għadu sal-lum ma ġġenera l-ebda forma ta' introjtu. Il-Qorti tqis li ma tistax tiċċensura l-fatt li xi parti jew oħra tagħżel li tagħmel użu mill-proċeduri legali għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tissalvagwardja l-interessi u l-jeddijiet li tippretendi li għandha. Bħalma kien intqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***Vincent Mercieca v. George Galea***[2]*:*

> *«...id-dritt per se għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandu bl-ebda mod jiġi preġudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteġi l-interess tagħha sakemm id-dritt sostantiv jiġi finalment determinat mill-istess Qorti.»*

*Spiss jiġri li f'każijiet ta' din ix-xorta persuna li tkun tixtieq tikkawtela jedd li temmen li għandha, tagħmel użu mill-jedd li tagħtiha l-liġi li tissekwestra jew taqbad assi li jkunu fil-pussess tal-banek sabiex tassigura li f'każ li l-proċeduri legali fil-mertu jkollhom eżitu favorevoli għaliha, dak il-ġudizzju jkun jista' jiġi esegwit. Min-naħa l-oħra jeżisti riskju li meta l-kontroparti tkun soċjetà ta' daqs żgħir jew medju, kif inhi s-soċjetà konvenuta, li din tgħaddi minn perijodu xejn faċli, tant hu hekk ġie perijodu fuqha fejn l-effetti tal-mandat ta' sekwestru ġabu lis-soċjetà konvenuta litteralment għarkupptejha.*

*Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda titlob il-likwidazzjoni ta' danni allegatament subiti minnha billi ż-żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji intavolati mill-attur ġabu tfixkil fl-operat tagħha fix-xhur minn Marzu 2015 sa Frar 2016, billi wasslu għal dewmien fil-ħlas ta' kontijiet, ħlas ta' penali, u riżenji ta' impjegati. Il-Qorti tirrileva li minkejja li jidher li s-soċjetà konvenuta għaddiet minn perijodu ta' diffikultajiet minħabba li l-assi bankarji tagħha ġew milquta b'dak il-mod, madankollu ma tara l-ebda korrelazzjoni bejn l-allegazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, li ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi, tant li lanqas l-ismijiet tal-impjegati li rriżenjaw ma ġew prodotti, u ma ġie ppreżentat l-ebda prospett dettaljat tal-ispejjeż u penali inkorsi mis-soċjetà konvenuta konsegwenza tal-fatt li ġew intavolati l-imsemmija mandati, u l-aġir tal-attur, li wara kollox kellu jedd sanċit mil-liġi li jikkawtela l-pretensjoni tiegħu b'kull mezz li tagħtih il-liġi. Għaldaqstant lanqas din it-talba ma hija qiegħda tiġi milqugħa.*

*Is-soċjetà konvenuta allegat ukoll li sofriet telf ta' kuntratt li l-valur tiegħu kien jilħaq it-tliet mija u tlieta u tletin elf, u wieħed u ħamsin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€333,051.25), liema kuntratt ġie rexiss wara li t-team kollu ta' impjegati tas-soċjetà konvenuta li ġew assenjati biex jaħdmu fuqu, irriżenjaw minħabba fl-aġir tal-attur. Tenut kont li l-provi prodotti mis-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward jikkonsistu biss f'email, mingħajr ebda dettall ieħor li jorbot l-aġir tal-attur direttament mal-fatt li ntilef dan il-kuntratt kbir mis-soċjetà konvenuta, wara r-riżenja ta' diversi*

[2] P.A., 29.11.2001.

*impjegati tagħha, il-Qorti tqis li anki din it-talba għal-likwidazzjoni tad-danni m'għandhiex tiġi milqugħha.»*

17. L-attur appella permezz ta' rikors imressaq fid-29 ta' April, 2019 talab lil din il-Qorti sabiex is-sentenza appellata tiġi mħassra f'dawk il-partijiet fejn ċaħdet it-talbiet tiegħu u fejn laqgħet l-ewwel, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet rikonvenzjonali tal-kumpanija konvenuta, inkluż il-kap tal-ispejjeż. Minflok huwa talab lil din il-Qorti sabiex tilqa' t-talbiet kollha tiegħu u tiċħad il-kontrotalba kollha tal-kumpanija konvenuta. Dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpanija appellata.

18. Il-kumpanija konvenuta wieġbet permezz tar-risposta tal-24 ta' Mejju, 2019 u tat ir-raġunijiet tagħha għala l-appell għandu jiġi miċħud.

19. Inżamm smigħ fil-5 t'Ottubru, 2023, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet**

20. Din il-kawża nbdiet mill-attur sabiex jiġu likwidati danni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' appalt minħabba l-allegat nuqqas tal-kumpanija konvenuta li tonora u tosserva l-obbligi kuntrattwali tagħha.

21. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-kumpanija konvenuta ressqet ukoll il-pretensjonijiet tagħha permezz ta' kontrotalba, fejn talbet dikjarazzjoni

mill-Qorti li: (a) hija mxiet b'rieda tajba u li ma kisret l-ebda obbligi kuntrattwali; (b) li kien l-attur li nqeda mis-servizzi tagħha b'mala fidi u b'intenzjoni qarrieqa; (ċ) li l-mandat ta' sekwestru maħruġ fil-konfront tagħha ntalab b'intenzjoni malizzjuża u mingħajr fundament legali u/jew fattwali; u (d) talbet li l-attur jiġi kkundannat iħallasha danni.

22. Kif rajna, filwaqt li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur, laqgħet it-talbiet tal-kumpanija konvenuta rikonvenzjonali, limitatament sa fejn iddikjarat li Seasus Limited imxiet b'rieda tajba u li ma kisret l-ebda obbligu kuntrattwali u llikwidat id-danni favuriha sal-valur tal-kuntratt miftiehem, iżda ċaħdet il-bqija tat-talbiet rikonvenzjonali tagħha.

23. Il-kumpanija konvenuta ma ressqitx appell għaċ-ċaħda ta' wħud mit-talbiet tagħha mressqa fil-kontrotalba.

24. L-attur ressaq l-appell tiegħu u jsejsu fuq sitt aggravji li huma dawn.

(i) Fl-**ewwel aggravju** tiegħu, l-attur appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti bbażat il-motivazzjoni tagħha billi skartat għalkollox dak li l-partijiet kienu ftehmu permezz tal-kuntratt tat-8 ta' Lulju, 2013 u dan kontra l-prinċipju ta' dritt *contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non fertur*. Jisħaq li fuq il-bażi tas-sens litterali tal-kliem tal-kuntratt, l-appellata kellha tlesti x-xogħol minnha kkuntrattat skont il-ftehim u fiż-żmien minnha kkuntrattat. Jilmenta li l-Ewwel Qorti warrbet dawn il-prinċipji u ddeċidiet

il-każ fuq il-provi, meta l-appellata naqset milli tressaq prova li twaqqa' l-prinċipju ta' dritt hawn qabel imsemmi. Filwaqt li jagħmel kronoloġija tal-fatti u jislet siltiet mill-kuntratt, sabiex jisħaq fuq dak li kien miftiehem bejn il-kontendenti fil-kawża permezz tal-kuntratt, jinsisti li ma tressqux provi li tul il-perjodu tal-kuntratt kien qiegħed jipprova jbiddel il-kuntratt jew iċaqlaq il-lasta, kif allegat. Jislet siltiet mill-korrispondenza mibgħuta mir-rappreżentant tal-kumpanija konvenuta sabiex ifisser kif il-konvenuta kkonfermat l-għarfien tagħha tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt u tat-terminu hemm miftiehem. Jikkontesta l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti fis-sens li l-ispeċifikazzjonijiet kienu qegħdin jinbidlu mill-attur fuq bażi regolari u li kellha tiddeċiedi l-kawża skont il-konvinċiment morali tagħha dwar liema mill-verżjonijiet kunfliġġenti mogħtija mill-partijiet aktarx li kellha mis-sewwa. Lil hemm mill-kunflitt bejn il-verżjonijiet tal-partijiet fil-kawża, l-appellant jisħaq li l-kuntratt u d-dokumenti esibiti jagħtu sostenn għall-prinċipju msemmi minnu.  L-attur jikkontendi li kienet in-negliġenza u n-nuqqas ta' professjonalità tal-kumpanija appellata li wasslu għas-sitwazzjoni fejn hija spiċċat inadempjenti. Jinsisti li l-eċċezzjoni għar-regola *contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non fertur,* għandha tibqa' eċċezzjoni u mhux issir ir-regola, minkejja li jagħraf li dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut u li skont il-ġurisprudenza jiġi mwarrab għal raġunijiet speċjali u eċċezzjonali, kif msemmija minnu. Jagħlaq billi jgħid li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li ssegwi dan il-prinċipju,

sarrfet fil-konsegwenza li kien hemm apprezzament ħażin tal-fatti, li waslet għall-applikazzjoni ħażina tal-liġi.

(ii) It-**tieni aggravju** li fuqha jissejjes l-appell huwa dak tal-prinċipju *pacta sunt servanda,* jiġifieri li l-kuntratt huwa liġi bejn il-partijiet. Għalhekk l-appellant isostni li huwa mistenni li l-partijiet joqgħodu għall-obbligazzjonijiet li jkunu kkuntrattaw, peress li dawn jikkostitwixxu l-kontenut u l-effett tal-att negozjali. Isegwi li l-Qorti ma tistax ħlief tagħti effett għal dak li riedu manifestament il-partijiet. Filwaqt li l-attur appellant jagħmel referenza għall-**Artikoli 982** u **993 tal-Kodiċi Ċivili**, isostni li fuq il-bażi tas-sens litterali tal-kliem, kellu jwassal għal riżultat ta' ċertezza li l-kumpanija appellata kellha tlesti x-xogħol minnha kkuntrattat skont il-ftehim, fiż-żmien miftiehem u skont l-ispeċifikazzjonijiet maqbula, iżda baqa' ma tlestiex tort tal-istess kumpanija. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-proġett ma tlestiex fil-ħin minħabba n-nuqqas li tingħata informazzjoni ċara u diretta mill-attur dwar l-ispeċifikazzjonijiet. Ġaladarba l-kuntratt huwa ċar u l-volontà komuni tal-partijiet hija riflessa fl-istess kuntratt, l-allegazzjonijiet tal-kumpanija appellata li l-ispeċifikazzjonijet ma kinux ben definiti, huma għalkollox inutili. Il-kuntratt huwa ċar fis-sens li jipprovdi fost affarijiet oħra li: (a) ix-xogħol kellu jitlesta fi tmien ġimgħat mid-data tal-kuntratt, jiġifieri sat-8 ta' Settembru, 2013; (b) Artikolu 1 tal-kuntratt jirreferi għal *Schedule A* (*Specifications: Functional Spec*) bħala parti integrali mill-kuntratt, maqbul bejn il-partijiet; (ċ) prova li l-ispeċifikazzjonijiet kienu maqbula huwa l-Artikolu 2.3, kif ukoll

il-pagament li kien sar; (d) imkien ma ssir referenza għal *Technical Specifications* kif jingħad mis-soċjetà appellata; (e) l-Ewwel Qorti skartat il-fatt li l-Artikolu 9.2 dwar *Limitation of Liability* ma tapplikax fuq negliġenza da parti tal-kuntrattur appellat jew *breach of contract.* Dan kollu jixhed il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda.* Fl-ebda mument il-kumpanija appellata ma tenniet li kien hemm vizzju fil-ftehim jew talbet li l-ftehim għandu jiġi rexxiss, prova ċara li hija kienet taf x'ikkuntrattat u x'kienet qiegħda tagħmel. Fis-sentenza appellata, mkien ma saret referenza għal xi prova li tixhed li l-attur appellant naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu (għajr għax-xhieda prodotta mill-appellata). Jilmenta li l-Ewwel Qorti skartat id-dokumenti kollha li jixhdu dak pattwit, fuq il-konsiderazzjoni ta' kunflitt ta' verżjonijiet tal-partijiet. Kien biss wara li skada t-terminu li fih l-appellata kellha tlesti l-kuntratt li bdiet tallega li l-attur kien għamel talbiet kontra dak miftiehem. L-appellant isostni li kienet il-kumpanija appellata li ċaqalqet il-lasti u dan sabiex toħroġ lilha nnifisha mill-fatt li waqgħet f'inadempjenza kuntrattwali. Jinsisti li l-Qorti kellha tiddeċiedi l-parametri stretti tal-kuntratt, kif korroborata mid-dokumenti fl-atti u mhux fuq allegazzjonijiet infondati li mhumiex sostanzjati. Jirreferi għall-**Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili**, fis-sens li l-iskop tal-interpretazzjoni tal-kuntratti hija li tinstab il-volontà tal-partijiet. Minn dak li fissret l-appellata qabel l-iffirmar tal-kuntratt, kif ukoll mill-istess kuntratt, ma jistax ikun hemm interpretazzjoni oħra minn dak li hemm miktub u l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel indaġni f'dan is-sens. Importanti huwa dak li seħħ fl-

istadju tan-negozjati sal-mument li skada t-terminu tal-kuntratt u dan il-perjodu kellu jiġi sindakat, peress dak li ntqal wara huwa sekondarju. Iżid jgħid li l-kumpanija appellata stess tagħraf li kienet inadempjenti u li l-proġett ma tlestiex fiż-żmien stipulat u dan irrispettivament minn kull raġuni li setgħet tressqet wara. Jilmenta fl-aħħar li l-Ewwel Qorti straħet fuq id-dikjarazzjonijiet mhux sostanzjati wara l-inadempjenza, minflok qagħdet fuq l-inadempjenza nnifisha tal-obbligi kuntrattwali tal-kumpanija konvenuta.

(iii) It-**tielet aggravju** jittratta proprju l-piż tal-inadempjenza tal-kumpanija konvenuta. L-appellant jikkontesta l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li minkejja l-volumi ta' provi li tressqu, dawn kienu neqsin mil-livell ta' dettall meħtieġ sabiex il-Qorti tasal għall-konvinċiment morali li kien hemm ksur tal-obbligi kuntrattwali min-naħa tas-soċjetà konvenuta. Dan meta mill-provi rriżulta b'mod ċar li: (a) l-ispeċifikazzjonijiet negozjati u maqbula kienu dawk li ffurmaw parti mill-kuntratt, magħrufa bħala *functional specifications;* (b) li sal-aħħar mumenti tat-terminu stabbilit sabiex jitlesta x-xogħol, il-kumpanija konvenuta appellata kienet tgħid li qiegħda *on track* sa massimu ta' ġimagħtejn aktar mit-terminu stabbilit, li kien xorta jaqa' fil-parametri tal-kuntratt, qabel ma jiskattaw il-penali minħabba l-inadempjenza; (ċ) fit-tmiem il-perjodu l-kumpanija appellata ma lestietx il-proġett, kif obbligat ruħha li tagħmel skont il-kuntratt; (d) ma hemm l-ebda prova li l-appellant kien qiegħed ixekkel il-proġett; (e) li sal-iskadenza taż-żmien li fih kellu jitlesta l-proġett, ma kien hemm l-ebda

notifika mill-kumpanija appellata li l-appellant kien qiegħed jonqos milli jottempra ruħu ma' dak maħsub fil-kuntratt; (f) għalhekk l-inadempjenza tal-kumpanija appellata li tikkonkludi l-proġett fil-ħin hija attribwita bi ħtija assoluta lilha u dan bi preġudizzju għall-appellant. Ġaladarba l-attur appellant ipprova l-inadempjenza, kien jaqa' fuq il-kumpanija appellata sabiex tipprova li l-inadempjenza tagħha kienet dovuta għal xi ħaġa barranija li tagħha ma kenitx responsabbli u li hija mxiet bid-diliġenza meħtieġa minn *bonus pater familias*. Jisħaq li l-appellata ma ressqitx prova li sal-mument li saret inadempjenti kien hemm xi kawża estranja li wasslet għall-inadempjenza tagħha. Dak li seħħ wara l-iskadenza tal-kuntratt, ftit li xejn għandu relevanza. L-inadempiment kuntrattwali li minnu jitnissel id-dannu hu kostitwit jew minn nuqqas ta' eżekuzzjoni jew minn dewmien fl-eżekuzzjoni, jew eżekuzzjoni ineżatta u negliġenti. Jislet siltiet mill-provi kunfliġġenti ta' Kenneth Bone u ta' David Vella, da parti tal-kumpanija konvenuta sabiex ifisser li kienet in-negliġenza tagħha li wasslet għall-inadempjenza. L-ammont ta' xogħol li lestiet il-kumpanija konvenuta, kien tassew żgħir, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Focus Solutions li tqabbdet tagħmel ix-xogħol wara l-kumpanija konvenuta appellata, u tal-istess xhieda tar-rappreżentanti tal-appellata u għalhekk għandha tirriżulta inadempjenza grossolana min-naħa tal-appellata.

(iv) Ir-**raba' aggravju** jittratta n-nuqqas tal-Ewwel Qorti milli tgħarbel il-fatti relevanti u ppruvati bid-dokumentazzjoni fl-atti u skartat il-prinċipju li jinsab fl-**Artikolu 632 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura**

**Ċivili**. L-appellant jirreferi għal numru ta' *emails* esibiti fl-atti li skontu huma ammissjoni dokumentata min-naħa tal-kumpanija konvenuta dwar x'kellhom ikunu l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, kif ukoll dikjarazzjonijiet tal-parti kontra tagħha nnifisha kif tipprovdi l-liġi. L-attur jisħaq li l-istess provi jixhdu dak li kienet l-intenzjoni tal-partijiet. Għalhekk skontu l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li ma ġiex ippruvat sal-grad meħtieġ mil-liġi li kien hemm ksur tal-obbligi kuntrattwali mill-kumpanija appellata u li kien in-nuqqas tiegħu li wassal għar-riżultat li l-proġett ma tlestiex.

(v) Il-**ħames aggravju** huwa dwar il-penali kuntrattwali u d-danni. L-attur jilmenta li fid-dawl ta' dak li jirriżulta ppruvat, jiġifieri l-inadempjenza kuntrattwali min-naħa tal-kumpanija konvenuta appellata, kellhom jiskattaw il-penali ta' €90, għal kull ġurnata li hija naqset milli tottempera ruħha mat-termini tal-kuntratt. Ifisser li minkejja li l-attur baqa' sa sena wara l-iskadenza taż-żmien tal-kuntratt jipprova jwassal il-proġett sat-tmiem tiegħu, it-tentattivi tiegħu sfaxxaw fix-xejn, tant li kellu jidħol f'relazzjoni kummerċjali ma' kumpanija oħra sabiex tieħu u tkompli l-proġett li tlesta għoxrin xahar wara. Apparti l-penali l-attur appellant isostni li weħel ukoll spejjez addizzjonali ta' €35,000 (eskluż il-VAT). Għalhekk l-attur appellant jgħid li ma qalitx sew l-Ewwel Qorti li dawn kienu *inter res alios acta* għar-relazzjoni mal-kumpanija konvenuta. Danni oħra pretiżi mill-attur huma: (i) ir-rifużjoni tas-somma ta' €3,776 li huwa kien laħaq ħallas lill-kumpanija konvenuta; (ii) it-telf tas-somma ta' €22,400 imħallsa lill-avukati fl-Amerika li huwa ġarr bħala *retainer*

prematur, konsegwenza tal-fatt li l-appellata m'onoratx l-obbligi kuntrattwali tagħha; u (iii) telf ta' qligħ li l-attur appellant seta' jagħmel fiż-żmien kollu li l-*website* tiegħu kellha tkun lesta skont il-ftehim li kellu mal-appellata skont rapport tal-KPMG fl-atti tar-rikors revoka 294/2015LM tal-mandat ta' sekwestru 476/2015, li l-awturi tiegħu qatt ma sarilhom kontroeżami.

(vi) L-**aħħar aggravju** tal-attur appellant jittratta l-kap tal-ispejjeż. Isostni li ma kellu qatt jiġi kkundannat iħallas żewġ terzi tal-ispejjeż tal-kawża, ġaladarba ġie ammess mill-istess soċjetà appellata li kienet inadempjenti mal-obbligi li hija ntrabtet bihom fil-ftehim.

25. Imfissra l-aggravji mqanqla mill-attur appellant imiss li din il-Qorti tqis l-aggravji hawn qabel esposti.

26. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel żewġ aggravji jistgħu jitqiesu f'daqqa. Fir-rigward tal**-ewwel aggravju**, għalkemm sewwa jgħid l-attur appellant, li r-regola hija li mhumiex ammissibbli provi li jmorru kontra dak imniżżel mill-partijiet, u dan skont il-prinċipju *contra scriptum testimonium, contra scriptum testimonium non feritur*, madankollu, dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut u jista' jkun soġġett għall-eċċezzjonijiet. Rilevanti f'dan il-kuntest hija s-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Settembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet ***Eden Hospitality Limited v. S.I.T. Special Interest Travel Limited et*****,** li fiha jingħad li din ir-regola tfisser li

prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji (ara wkoll il-ġurisprudenza kopjuża hemm imsemmija).

27. Fost ir-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola li jinstiltu mill-ġurisprudenza imsemmija f'dik is-sentenza huma meta: (i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim; (ii) il-ftehim ikun simulat; (iii) l-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet; (iv) meta jqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ppruvat u sakemm tali punt ma jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u (v) meta mal-ftehim miktub ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu.

28. Kif rajna, waħda mill-eċċezzjonijiet li tissemma għal din ir-regola hija meta l-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet. Imħaddem dan il-prinċipju għall-każ tagħna, insibu li fil-korrispondenza li kienet għaddejja bejn il-kontendenti fil-kawża fin-negozjati ta' qabel ma sar il-kuntratt, meta l-kumpanija konvenuta kienet qiegħda tipproponi li l-proġett jitwettaq fuq medda ta' erbatax-il ġimgħa u bl-istima ta' €12,500 sabiex jiġi eżegwit il-kuntratt mertu tal-kawża (ara paġna 1593 tal-proċess), fit-30 ta' Mejju, 2013, l-attur wieġeb:

> *«All javascript HighCharts Functionality will be delivered as a module, so you can just plug that in and no more work should be required there.*
>
> *...*

> ***Since the javascript charts are quite a tricky functional part of the remaining project, I would imagine the Price would come down if they are delivered to you as a plug in module.»*** (ara paġna 1591 tal-proċess)

Kif ukoll, aktar tard fl-istess ġurnata l-attur insista ma' Kenneth Bone:

> ***«The charts are virtually finished, as I understand it. Please confirm any adjustments to your timescales in light of this...»*** (paġna 1609 tal-proċess)

29. Dan wassal lill-kumpanija konvenuta sabiex fl-4 ta' Ġunju, 2013 tirrevedi ż-żmien tal-proġett għal wieħed ta' tliet xhur u l-istima tal-proġett għal €9,500. Dan huwa eżempju wieħed biss ta' kif l-attur kien jiżvija n-negozjati. Effettivament minn skambju ta' korrispondenza esibita mill-istess attur, jirriżulta li d-dokumenti mgħoddija mill-kuntrattur ta' qabel il-kumpanija konvenuta ma kinux wisq ta' għajnuna (ara paġna 792 tal-proċess). Saħansitra l-kuntratt jipprovdi li l-proġett kellu jitwettaq fi żmien tmien ġimgħat minn meta jiġi ffirmat (fit-8 ta' Lulju, 2013) aktarx peress li x-xogħol ta' verifiki li twettaq fix-xahar ta' Ġunju 2013, tqies bħala l-ewwel fażi tal-kuntratt jew *Development Phase*, tant li l-ewwel pagament maħruġ mill-attur sar mal-iffirmar tal-kuntratt.

30. Huwa minnu li l-attur stieden lill-kumpanija konvenuta sabiex tivverifika dak li effettivament kien tlesta qabel. Interessanti hija t-tweġiba tal-kuntrattur li donnu l-attur jinsa: «*Before that we certainly need to have the technical documentation mentioned. Either way we still need this to get started on the Project.*» (ara paġna 791 tal-proċess) Sussegwentement ingħad ukoll minn Kenneth Bone: «*We went through*

*the documentation for the charts function and does in fact help. <u>We tried to install on the scripts on the existing setup, but it failed. Will require work to actually plug into the interface</u>.*» (sottolinjar ta' din il-Qorti) Minkejja din iż-żieda fix-xogħol Bone kkonkluda: «*I am comfortable to proceed as discussed.*» Jirriżulta b'mod ċar mill-provi li kienet il-kumpanija konvenuta appellata li kellha taħdem estensivament fuq il-*Javascript High Charts*.

31. Hekk ukoll, għal darb'oħra, skont korrispondenza maħruġa mill-attur fis-6 ta' Ġunju, 2013, il-kumpanija appellata ngħatat elenku sħiħ ta' affarijiet li suppost kellha taħdem fuqhom il-kumpanija BPC (ara paġna 1623 tal-proċess) fosthom li tiġi ddisinjata "*Newsletter*" u jiġi finalizzat id-"*Dial*". Madankollu mill-provi fl-atti jirriżulta ċar li dan l-aspett tal-proġett ħadmet fuqu Carla D'Anastasi, impjegata tal-kumpanija konvenuta għal madwar xahrejn. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tasal għall-konklużjoni li għalkemm kien ikun aħjar għas-soċjetà konvenuta li tgħarbel sew dak li kien qiegħed jingħad lilha qabel tidħol f'dan il-kuntratt bil-penali kif hemm proposti mill-attur, kunsidrat it-tendenza tal-attur li jvarja u jbiddel l-affarijiet meħtieġa minnhom sabiex jitlesta l-proġett, jibqa' l-fatt li altru li ġie ppruvat li l-attur kien iċaqlaq il-lasta ta' dak mistenni mill-appellata. Dan jgħodd mhux biss għal dawk li huma n-negozjati li wasslu għall-kuntratt, iżda saħansitra waqt l-eżekuzzjoni tiegħu, fejn oġġett fuq il-lista jespandi f'ħafna aktar dettalji minn dak

oriġinarjament maħsub (ara xhieda ta' David Vella u Kenneth Bone u korrispondenza estensiva fil-paġni 1655 sa 1688 tal-proċess).

32. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellant, Kenneth Bone ġibed l-attenzjoni tal-attur li x-xogħol żejjed kien ser ikollu impatt fuq iż-żmien miftiehem: «*We were under the impression that the backend was done, tested and confirmed for correctness, but it seems this is far from true....Unfortunately if there are more of these issues, as there seem to be, it will as a minimum effect delivery timeframes*» (paġna 1697 tal-proċess). L-attur kien ben konsapevoli ta' dan meta f'korrispondenza skambjata f'nofs Awwissu fil-mori tal-kuntratt jirreferi għal "*extra fields*" meħtieġa u fl-istess kuntest jimminimizza x-xogħol żejjed meħtieġ meta jgħid li huwa: «*fairly straightforward compared to the bulk of what has been done.*» Bone jtenni mill-ġdid:«"***I am now rather concerned at what the real state of the project is particularly of what your requirements really are****. In any case, we'll see to these problems as they arise on a case by case basis*.» Jekk f'għajnejn l-attur appellant ma kienx qiegħed iċaqlaq il-lasta, jew ibiddel dak meħtieġ mill-kuntrattur, mill-qari tal-provi jirriżulta li l-eżiġenzi tal-attur kienu tali li l-kuntrattur kien qiegħed iħoss l-impatt ta' dawn l-eżiġenzi fuq it-terminu miftiehem fil-kuntratt. Tabilħaqq ma jistax jingħad li l-ispeċifikazzjonijiet kienu sempliċi.

33. Għalhekk din il-Qorti ma tarax li l-attur appellant għandu raġun meta fl-ewwel aggravju jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tqiegħed xi

għamad m'għajnejha u tqis biss dak li ġie mniżżel f'dak il-kuntratt u dan mingħajr ma tqis il-provi l-oħra, speċjalment dak li ġie diskuss bejn il-kontraenti f'dawk il-jiem qabel il-kuntratt (kunċett li fil-verità jikkonċedi l-istess attur appellant fit-tieni aggravju tiegħu) u dak li rriżulta minn skambju ta' korrispondenza waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Isegwi li lil hemm mill-verżjonijiet kunfliġġenti li rriskontrat l-Ewwel Qorti, minkejja li din il-Qorti għarblet xejn inqas minn seba' volumi ta' provi, waslet għall-istess konklużjoni bħal dik ta' qabilha, jiġifieri li kien primarjament in-nuqqas tal-attur appellant li jkun ċar fil-proposta tiegħu annessa mal-kuntratt li wassal għad-diżgwid waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

34. Sfiq ma' dan il-prinċipju ta' *contra scriptum testimonium, non scriptum testimonium non feritur* huwa marbut ukoll il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* **<u>(suġġett tat-tieni aggravju),</u>** jiġifieri li l-ftehim bejn il-partijiet jikkostitwixxi liġi, li jinsab rifless fl-**Artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Hekk ukoll, l-**Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li fejn il-kliem ta' att meħud fis-sens skont l-użu tal-kuntratt huwa ċar, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni. F'każ fejn jinħoloq dubju dwar is-sens mogħti lill-konvenzjoni huwa l-ġudikant li għandu b'mod oġġettiv jislet l-intenzjoni tal-partijiet skont kif riflessa fl-att in eżami. Għalhekk, fejn il-kontenut tal-konvenzjoni jkun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dak il-ftehim, kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoġġux fid-dubju l-volontà tal-kontraenti ma jkunx leċitu għall-ġudikant illi jagħti lil dik l-iskrittura tifsira differenti, minn

dak liberament espress mill-kontraenti, għaliex il-prinċipju tad-dritt huwa: *in claris non fit interpretatio*.

35. Iżda kif osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Terres Co. Limited et v. L-Għajn Construction Limited*,** meta s-sens litterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher ċar mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan, din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi: «*din ir-regola għandha tiġi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirriżulta bla dubju li s-sens tal-klawżola li tkun jista' biss jiġi nterpretat b'mod univoku għax hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien (***J. Bartolo et v. A. Petroni*** deċiża 7 ta' Ottubru 1997).*»

36. Kif ukoll, fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, mhux l-interpretazzjoni tal-partijiet għall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jagħtu lill-kliem li jiswa, imma dak li huwa importanti: «*hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lil kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot« (***J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe –*** Qorti tal-Appell deċiża fit-28 ta' Frar 1997).* Din il-Qorti żżid punt ieħor, li skont l-**Artikolu 1009 tal-Kodiċi**

**Ċivili**: «*fid-dubju, il-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni*.»

37. L-attur jistrieħ fuq l-Artikolu 1 tal-kuntratt li fid-deskrizzjoni tas-servizzi li kellu jipprovdi l-kuntrattur huma dawk deskritti fl-Iskeda A annessa mal-kuntratt, u ssir referenza għalihom bħala *(Proposal/Functional Spec),* bħala l-uniċi speċifikazzjonijiet li kien hemm maqbula bejn il-partijiet (apparti xogħlijiet addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa). Min-naħa l-oħra, il-kumpanija konvenuta tisħaq li dan id-dokument li pprovda l-attur, ma kienx *a Technical Specification Document* li skont l-Artikolu 2.1 tal-kuntratt li kien jipprovdi:

> «***Developer, in consultation with the client, <u>shall prepare</u> detailed written specifications for the website (<u>the Specifications</u>).*** *The Specifications shall consist of, among other things, a design for the Web Site, a flow chart of the pages of the Web Site, programming and interactive feature requirements, and the placement of any content of other materials which are to be incoporated into the Web Site.* ***The Specifications shall be subject to any restrictions or limitations set forth in Schedule A.*** *If the Parties are unable to agree in writing to mutually acceptable Specifications, after using good faith efforts, on or before days after the Commencement Date, either party may terminate this Agreement by providing written notice to the other party. Such termination shall not relieve Client from the obligation of paying developer for all fees due aand owing Developer as of date of such termination.*»

38. Minn qari ta' dan l-artikolu tal-kuntratt, huwa ċar għal din il-Qorti li minkejja li l-ispeċifikazzjonijiet li kellhom jiġu maqbula ("*shall*" indikattiva li dan kien dmir li jorbot liż-żewġ partijiet li kellu jsir fil-futur) kienu suġġetti għal dak li kien hemm fl-Iskeda A, jibqa' l-fatt li l-proposta tal-attur, jew *Functional Spec,* annessa fl-iskeda mal-kuntratt u l-Ispeċifikazzjonijiet

msemmija fit-tieni Artikolu, huma żewġ dokumenti separati. Minkejja li l-attur jagħmel referenza għall-klawżola 7 (iii) tal-kuntratt marbut mal-garanziji li l-*website* tkun skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Iskeda A u l-klawżola 13 tal-kuntratt li dan il-ftehim jipprevali fuq kull ftehim jew arranġament ieħor bejn il-partijiet, dawn ma jbiddlux il-fehma ta' din il-Qorti.

39. Il-fatt li jista' joħloq dubju huwa l-Artikolu 2.3 li jipprovdi li: «*Upon Specifications being mutually agreed, and upon the Developer's receipt of the Client Content and any fees called for in Schedule A, hereto, Developer shall commence tasks...»,* li donnu jorbot li pagament isir wara li jkun hemm ftehim bejn il-partijiet dwar l-Ispeċifikazzjonijiet. Effettivament, l-ewwel pagament li nħareġ mill-attur sar sewwasew fl-istess ġurnata li fih ġie ffirmat il-kuntratt fit-8 ta' Lulju, 2013. Madankollu, fid-dawl tad-dubju maħluq mill-evidenti kontradizzjoni taċ-ċirkostanzi bejn il-klawsoli 2.1 u 2.3, skont l-**Artikolu 1009 tal-Kodiċi Ċivili** msemmi qabel, il-Qorti għandha tabilfors tinterpreta l-kuntratt favur il-kumpanija appellata li ntrabtet li tagħmel *website* skont il-proposta jew *Functional Spec*, favur l-attur, suġġett li jsiru speċifikazzjonijiet maqbula bejn il-partijiet, ħaġa li qatt ma seħħet minħabba r-reżistenza tal-attur.

40. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-attur appellant, apparti t-twissija li ngħatat mill-kumpanija appellata, kif imsemmija qabel, fil-paragrafu 39 ta' din is-sentenza, meta fl-aħħar ta' Awwissu 2013, semma

li jkunu meħtieġa ftit ġimgħat oħra b'żieda ma' dawk maħsuba fil-kuntratt, huwa għal darb'oħra għamel enfasi: «*if we strictly follow what is in the existing spec, we can be finished approximately by the third week of September, barely over target and within budget*» (ara Dok. AF 14 f'paġna 215 tal-proċess).

41. Madankollu, jidher li l-partijiet baqgħu jirriskontraw diverġenzi dwar kif kellu jiġi interpretat il-kuntratt fl-eżekuzzjoni tiegħu, b'dan illi l-attur appellant jgħid li d-dokument provdut minnu kien wieħed ċar u l-kumpanija konvenuta tisħaq li kienet qiegħda jkollha tidħol f'ħafna dettal u rqaqat li ma kinux meħtieġa. Li jirriżulta ċar huwa, li żgur m'hemmx qbil bejn dak li kellu f'moħħu l-attur ta' dak meħtieġ sabiex jitlesta l-proġett u dak li kellha f'moħħha l-kumpanija konvenuta, bħala x'kien mistenni minnha. Mhux dejjem faċli għall-ġudikant li jasal għal dik li kienet l-vera intenzjoni tal-partijiet kunsidrata d-diverġenza fl-interpretazzjoni mill-partijiet tad-dokument anness mal-kuntratt li huwa wieħed pjuttost tekniku. Fid-dawl tal-verżjonijiet kunfliġġenti, din il-Qorti ma tlumx lill-Ewwel Qorti li ppruvat tislet liema mill-verżjonijiet mogħtija mill-kontendenti fil-kawża kellha aktar mis-sewwa u li tiddeċiedi l-kawża skont il-konvinċiment morali tagħha. Barra minn hekk, wara li din il-Qorti eżaminat ukoll il-kundizzjonijiet tal-kuntratt bejn il-partijiet, ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni milħuqa.

42. Filwaqt li m'hemmx dubju li l-kumpanija konvenuta appellata ma wettqitx l-appalt lilha mogħti fiż-żmien miftiehem, din il-Qorti ma tqisx li l-provi mressqa mill-attur appellant huma konvinċenti fis-sens li din l-inadempjenza seħħet minħabba raġunijiet imputabbli lil-istess kumpanija konvenuta appellata. Dan meta l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jiġi deskritt bħala *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (ara bħala eżempju s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Middlesea Insurance plc v. Spot On Gypsum Limited*** deċiża fis-27 ta' Jannar, 2021).

43. Jibqa' l-obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti sabiex iressaq il-provi kollha relevanti għall-każ tiegħu, u saħansitra li jressaq l-aħjar prova (**Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u ta' Proċedura Ċivili**) sabiex iwassal lill-ġudikant għall-konvinċiment morali meħtieġ sabiex jilqa' l-pretensjonijiet imressqa quddiemu. Iżda, kif spjegat qabel, fil-konsiderazzjonijiet tagħha f'paragrafu 40 taħt l-ewwel aggravju, minn eżami tal-provi fl-atti, din il-Qorti tabilħaqq taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti. Isegwi li l-ewwel żewġ aggravji tal-attur appellant ma jistgħux iwasslu għal dak mitlub minnu u ser jiġu miċħuda.

44. Dan iwassal għall-konsiderazzjoni tat**-tielet aggravju** tal-attur appellant, dak dwar il-piż tal-inadempjenza tal-kumpanija konvenuta. Jibda billi jiġi osservat li huwa minnu li l-liġi tipprovdi li kull min jonqos li

jeżegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni (**Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili**), saħansitra fejn ma jkunx mexa b'rieda ħażina, peress li jkun naqas jew dam sabiex jeżegwixxi l-obbligazzjoni (**Artikolu 1133 tal-Kodiċi Ċivili**). Madankollu, għal dan il-prinċipju jeżistu wkoll l-eċċezzjonijiet, jiġifieri fil-każijiet fejn id-debitur jipprova li naqas fl-eżekuzzjoni, jew kien hemm dewmien fl-eżekuzzjoni minħabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kellux ħtija jew ma setax jagħti jew jagħmel il-ħaġa li obbliga ruħu li jagħmel minħabba forza maġġuri jew minħabba aċċident (ara **Artikoli 1133** u **1134 tal-Kodiċi Ċivili**).

45. Rilevanti f'dan is-sens hija s-silta ta' din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire***, deċiża fid-29 ta' Marzu, 2019, fejn ingħad hekk:

> *«...kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[3]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[4]*
>
> *...biex appaltatur jista' jtaffi jew jeħles għalkollox minn dawn l-effetti, huwa jeħtieġlu juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[5]. Jista' juri wkoll li l-ħtija nuqqas ta' twettiq kienet ġejja mill-imġiba nnifisha tal-kommittent, għalkemm mhijiex difiża tal-appaltatur li jgħid li x-xogħol ma sarx jew li sar ħażin għaliex sar kif riedu l-kommittent.*
>
> *...Din id-difiża m'hija xejn għajr dik magħrufa bħala non rite adimplendi contractus li, magħquda mal-eċċezzjoni l-oħra tal-impossibilità tat-twettiq tar-rabta kuntrattwali, jitfgħu fuq il-parti kontraenti eċċipjenti l-piż li jippruvaw li dak minnha allegat ġara tassew.*»

---

[3] **Art. 1132(1) tal-Kap 16**.
[4] **Art. 1133 tal-Kap 16**.
[5] **Art. 1134 tal-Kap 16**.

46. Meta dawn il-prinċipji jitħaddmu għall-fattispecie tal-każ tagħna, jirriżulta dan li ġej:

(a) Minkejja li l-*functional specifications* li pprovda l-attur jiffurmaw parti essenzjali mill-kuntratt, jibqa' l-fatt li l-partijiet kienu ntrabtu li jsiru speċifikazzjonijiet ulterjuri maqbula bejn il-partijiet, ħaġa li qatt ma seħħet.

(b) Għalkemm il-kumpanija konvenuta kienet tabilħaqq fissret li kien possibbli li l-appalt jitwettaq fiż-żmien miftiehem, f'diversi okkażjonijiet fissret li dan seta' jsir sakemm l-attur ma jibqax iżid u jfettaq fid-dettall tax-xogħol mitlub. Dan apparti li kien hemm ċirkostanzi fejn ix-xogħol li kien mgħoddi lilha mill-appaltatur preċedenti, ma kienx tal-kwalità maħsuba, li kien ifisser aktar xogħol minn dak li kien maħsub oriġinarjament.

(ċ) Huwa minnu li l-kumpanija konvenuta ma lestietx ix-xogħol fiż-żmien miftiehem, iżda dan kien għal raġunijiet barranin, li tagħhom ma kellhiex ħtija. Dan kif jixhdu ċ-ċirkostanzi msemmija hawn qabel u li ser jissemmew ukoll fil-punti li jmiss.

(d) Għalkemm din il-Qorti ma tqisx li l-attur kien qiegħed ixekkel il-proġett b'intenzjoni malizzjuża, jibqa' l-fatt li din il-Qorti ħadet l-impressjoni li l-attur kien qiegħed jippretendi l-impossibbli mill-kumpanija konvenuta, dejjem jipprova jagħsarha sal-limitu tagħha. Hekk waqt in-negozjati qabel

il-kuntratt ried inaqqas mit-terminu li fih il-kuntratt kellu jiġi eżegwit, u minkejja li l-kumpanija konvenuta kienet kommessa li tibqa' tipprova ssib soluzzjoni għal diversi problemi li nqalgħu waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, l-attur kien pjuttost intransiġenti u ma riedx jisma'.

(e) In-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-attur hekk kif inqalgħu l-problemi tidher mill-korrispondenza esibita (ara paġni 1689 sa 1705 tal-proċess). Jibqgħu rilevanti wkoll is-siltiet imsemmija qabel f'paragrafu 39.

(f) Jiġi mtenni li mill-provi ma jirriżultax li l-inadempjenza tista' tiġi attribwita assolutament lill-kumpanija appellata. Tant huwa hekk, li l-kumpanija appellata rnexxielha tipprova li konsegwenza tal-interpretazzjoni li kienet qiegħda tingħata mill-attur tad-dokument propost minnu u n-nuqqas li jsiru l-speċifikazzjoijiet, kif maħsub fil-kuntratt, kien qiegħed iwassal għad-diżgwid bejn il-kontendenti fil-kawża ta' dak li huwa d-dettall li kellha tidħol fih sabiex jiġi eżegwit l-appalt.

47. Prova oħra ta' dan, jekk kien hemm bżonn, huwa l-fatt li fit-tentattiv li tinstab soluzzjoni, wara li kien skada t-terminu tal-kuntratt u li jintlaħaq ftehim, il-kumpanija appellata pproponiet soluzzjoni li kienet tinvolvi aktar żmien u ħlas korrispettiv għax-xogħol fil-livell ta' dettall li kien qiegħed jitlob l-attur appellan, (ara Dok AF 23 f'paġna 255). Iżda l-attur ma riedx jisma' u baqa' jinsisti li setgħu jimxu fuq id-dokument propost minnu (ara

paġna 1745 tal-proċess) li kien evidentement parti kbira mill-problema fl-interpretazzjoni tal-kuntratt.

48. L-attur ressaq lil Anthony Lupi, rappreżentant ta' Focus Forward Solutions (l-appaltatriċi li ħadmet fuq il-proġett wara l-kumpanija konvenuta) sabiex jixhed u jsostni t-teżi tiegħu li l-ammont ta' xogħol li twettaq mill-kumpanija konvenuta kien wieħed minimu meta mqabbel mal-ammont ta' xogħol meħtieġ sabiex titwaqqaf il-*website* sabiex jagħmel enfasi fuq l-inadempjenza tagħha (ara paġna 410 tal-proċess).

49. Iżda daqstant ieħor il-kumpanija konvenuta ressqet ukoll persuna, Andrew Holland (li qabel kien impjegat ma' Focus Forward Solutions) sabiex jixhed dwar il-problemi li nħolqu fl-eżekuzzjoni tal-istess kuntratt, hekk kif jisħaq li l-aġir tal-attur wassal lil din l-appaltatriċi wkoll fix-xifer tal-falliment. Dan jispjega li għal darb'oħra, ġew riskontrati problemi fl-interpretazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet imressqa mill-attur, hekk kif dawn kienu nieqsa mill-aspett prattiku tagħhom. Ifisser kif l-attur, minkejja n-nuqqas ta' għarfien tekniku tiegħu kien dispreġġativ fil-konfront tal-ħaddiema, iżda kien jippretendi li l-impjegati kollha jitilqu kollox sabiex jaħdmu fuq il-proġett tiegħu, bħallikieku huwa kien l-imgħallem. Minħabba l-karattru diffiċli tal-attur, kienu diversi l-impjegati li telqu lill-appaltatriċi Focus Forward Solutions, bil-konsegwenza li lanqas din l-appaltatriċi ma setgħet tlesti x-xogħol fil-waqt, li għal darb'oħra ngħata lil appaltatur ieħor (ara paġni 1082-1109 tal-proċess).

50. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Novembru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Maureen Wood v. John Attard***, tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma. Iżda huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost il-verżjonijiet mogħtija u tislet provi indipendenti li minnhom jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif ġraw l-affarijiet. Hekk għamlet l-Ewwel Qorti f'dan il-każ. Jingħad ukoll, li l-fatt li l-attur kellu diversi problemi li jixxiebħu, ma' numru ta' appaltaturi sabiex jitwettaq l-istess proġett maħsub minnu, tagħti lil wieħed x'jifhem. Kunsidrati l-provi mressqa mis-soċjetà konvenuta, din il-Qorti tinsab sodisfatta li għalkemm huwa minnu li hija ma lestietx l-appalt fiż-żmien miftiehem, iżda dan kien għal raġunijiet barranin, li tagħhom ma kellhiex ħtija. Isegwi li lanqas dan l-aggravju ma jirriżulta bħala mistħoqq.

51. Imiss li jiġi trattat **<u>ir-raba' aggravju</u>** tal-attur appellant, dak fejn jinvoka l-**Artikolu 632 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jipprovdi li kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha u kull kitba oħra li fil-konfessjoni, konvenzjoni jew obbligu, jistgħu jinġibu bħala prova.

52. Iżda din il-Qorti tqis li lanqas dan l-argument ma jista' jservi ta' fejda għall-attur appellant. Kif osservat tajjeb mill-kumpanija konvenuta appellata fir-risposta tal-appell tagħha, wieħed ma jridx jara xi

korrispondenza waħedha iżolata, iżda jeħtieġ li titqiegħed f'kuntest sabiex tittieħed fl-assjem tal-provi.

53. Din il-Qorti rat id-dokumenti li għalihom jirreferi l-attur appellant sabiex isostni l-argument tiegħu. Fir-rigward ta' **Dok. JH05** (paġna 24 tal-proċess) jingħad li l-fatt li l-kumpanija konvenuta appellata aċċettat id-dokument propost mill-attur appellant jifforma parti mill-kuntratt bħala *Functional Specs* li normalment tħejji hija stess, ma jfissirx li l-klawsola 2.1 tispiċċa fix-xejn. Huwa evidenti li dak id-dokument li kien propost mill-attur appellant, ma kienx iservi ta' gwida siewja u prattika ta' dak li l-attur kien qiegħed jippretendi fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Ifisser ukoll li kellha raġun il-kumpanija konvenuta appellata li tinsisti li jitħejjew speċifikazzjonijiet aktar dettaljati, kif tixhed il-korrispondenza estensiva maħruġa mill-istess attur.

54. Hekk ukoll, fir-rigward tad-dokument **AF 14** (paġna 215 tal-proċess) ġie mtenni li fiha ngħad li sakemm il-partijiet joqgħodu strettament ma' dak li jingħad fil-proposta tal-attur (annessa mal-kuntratt), id-dewmien kien ser ikun wieħed negliġibbli. Iżda kemm-il darba l-attur kien ser jibqa' jinsisti li jiżdiedu l-ħtiġijiet mqanqla minnu bħala parti essenzjali mill-kuntratt, dan kien ser ikollu impatt fuq it-terminu miftiehem fil-kuntratt. B'hekk il-ħtieġa li jiġi rivedut il-kuntratt, jew li jsiru l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati kif mitlub mal-kumpanija konvenuta appellata - kienet evidenti waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

55. Dan kien magħruf mill-partijiet, iżda filwaqt li l-kumpanija konvenuta appellata kienet pro-attiva bl-intendiment li tinstab soluzzjoni, l-attur baqa' jippretendi li l-kumpanija konvenuta appellata tibqa' tagħti s-servizzi tagħha skont id-dokument imħejji minnu, biż-żidiet kollha li kien qiegħed jippretendi fiż-żmien oriġinarjament maqbul u mingħajr ma jħallas aktar. Dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kienx realistiku u anqas ġust. L-attur ma jistax japprofitta ruħu minn sitwazzjoni hekk komplessa u jippretendi li jitwettaq il-kuntratt fid-dettal meħtieġ minnu, mingħajr ma tingħata estensjoni taż-żmien u mingħajr ma jsir ħlas addizzjonali. Żgur ma jistax jingħad li dawn id-dokumenti għandhom iservu ta' ammissjoni min-naħa tal-kumpanija konvenuta dwar l-inadempjenza tagħha, kif jippretendi l-attur u tqis dan l-argument bħala wieħed fieragħ. Isegwi li lanqas dan l-aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.

56. Fir-rigward tal-**<u>ħames aggravju</u>**, jiġifieri dak li jittratta l-ħlas ta' penali u tad-danni, ġaladarba ma ntlaqgħux l-aggravji preċedenti, qajla jista' l-attur appellant jippretendi li jitħallas xi danni jew penali, peress li kif rajna taħt it-tielet aggravju, jirriżultaw raġunijiet validi li għalihom il-kumpanija konvenuta appellata waqgħet fl-inadempjenza u li għalhekk m'għandhiex twieġeb għad-danni. Barra minn hekk, din il-Qorti taqbel perfettament mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li mhux talli m'għandhiex issir rifużjoni tas-somma mħallsa mill-attur ta' €3,776, kif jippretendi l-attur, talli

għandu jsir ħlas addizzjonali sal-valur tal-kuntratt u dan fid-dawl tal-prinċipju *omnia labor optat premium.*

57. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta’ Marzu, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Lecocqassociate Limited v. Audentia Capital SICAV p.l.c.***, fejn saret referenza għal ġurisprudenza ulterjuri fis-sens li, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għal vantaġġ ta’ ħaddieħor, hu intitolat li jiġi retribwit (ara wkoll is-sentenza tat-2 ta’ Marzu, 2010, fl-ismijiet ***Nicky Saliba v. Kunsill Lokali tan-Nadur***).

58. Fir-rigward tal-penali, fejn l-attur appellant jikkwantifika l-pretensjoni tiegħu ta’ €54,000, ibbażata fuq ir-rata ta’ €90 għal kull jum li l-kumpanija konvenuta naqset milli tottempera ruħha mat-terminu tal-kuntratt, din il-pretensjoni hija wkoll bla bażi għall-istess raġuni mfissra qabel, fis-sens li rriżultaw raġunijiet validi li għalihom il-kumpanija konvenuta appellata waqgħet fl-inadempjenza u li għalhekk m’għandhiex twieġeb lanqas għall-penali. Din il-Qorti tqis li l-attur huwa pjuttost malizzjuż meta jippretendi l-ħlas ta’ penali ta’ €54,000, fuq kuntratt ta’ €9,500.

59. Sa fejn l-attur appellant isemmi l-ispiża ta’ €35,000 li huwa ħallas lill-appaltatur ieħor sabiex ilesti x-xogħlijiet maħsuba fil-kuntratt taħt eżami, din il-Qorti tqis li din il-pretensjoni hija bla bażi. Ċertament l-attur

appellant seta' jipprova jimminimizza l-ispejjeż ulterjuri billi minflok iwebbes rasu, jipprova jasal fi ftehim mal-kumpanija konvenuta appellata, li rriżulta li kellha raġunijiet validi li wassluha li ma tispiċċax ix-xogħol fit-terminu maqbul.

60. Fir-rigward tal-ispejjeż li l-attur appellant isostni li ħallas b'rabta mal-avukati fl-Amerika, konsegwenza tal-inadempjenza tal-kumpanija konvenuta appellata, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti, fis-sens li l-attur ma ressaq l-ebda prova tan-ness kawżali bejn l-ispejjeż li huwa nkorra għall-ingaġġ ta' avukati fi New York u l-fatt li l-kumpanija konvenuta ma lestietx il-*website* tal-attur fiż-żmien miftiehem bejn il-partijiet. Hekk ukoll, ladarba l-attur appellant xehed li hu ilu involut fil-qasam tas-swieq finanzjarji għal numru ta' snin, lanqas jirriżulta ppruvat li dawn l-ispejjeż tħallsu b'rabta mal-proġett mertu tal-kawża u mhux b'rabta ma' negozji jew interessi oħrajn li l-attur jista' jkun involut fihom.

61. L-aħħar kategorija ta' spejjeż li l-attur jippretendi ħlas għalihom hija t-telf ta' qligħ l-attur appellant seta' jagħmel fiż-żmien kollu li l-*website* tiegħu kellha tkun lesta skont il-ftehim li kellu mal-appellata skont rapport tal-KPMG. Din il-pretensjoni tal-attur appellant hija tassew fiergħa. Dan ir-rapport huwa limitat bħala wieħed maħsub sabiex jagħti projezzjoni tal-profitti maħsuba li jistgħu jsiru fil-proġett tal-attur, li ċertament ma jirriflettux ir-realtà. Tant hu hekk, li mill-istess kontroeżami tal-attur, irriżulta li sas-sena 2018 (ara paġna 1404 tal-proċess) wara li twaqqaf il-

*website,* baqa' ma' ġie ġġenerat l-ebda profitt minn dan il-proġett tal-attur, peress li s-servizz kien qiegħed jingħata b'xejn! Għalhekk dan l-aggravju ma jimmeritax li jiġi milqugħ. Anzi tqis xieraq li l-attur iħallas, peress li dan l-argument fil-verità huwa wieħed frivolu.

62. Jonqos li jiġi trattat **l-aħħar aggravju** tal-attur appellant, dak dwar l-ispejjeż. Ikkunsidrat li l-ebda wieħed mill-aggravji tal-attur appellant m'huwa ser jintlaqa' u s-sentenza tal-Ewwel Qorti ser tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, ma tarax li teżisti raġuni valida li jiġi varjat il-kap tal-ispejjeż, li wara kollox jirrifletti dak maħsub fl-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

63. Għalhekk anke dan l-aħħar aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-attur appellant James L. Hawkins, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż marbuta mal-appell għandhom jitħallsu kollha mill-istess attur appellant.

Minbarra dan, meqjus in-natura fiergħa tal-appell tal-attur, il-Qorti, wara li rat il-**paragrafu 10(1) tat-Tariffa A** mehmuża mal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, tikkundanna lill-attur James L. Hawkins iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, spejjeż addizzjonali ta' ħames mitt ewro (€500).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss